ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# LAJĊI NSARA

sinodu
MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN

# LAJĊI NSARA

"MORRU INTOM
UKOLL FL-GĦALQA..."

(MT 20,3-4)

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 09 -2

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ

Preżentazzjoni v

Kap I
Il-Kriterji teoloġiċi tal-Lajkat Nisrani 1

Kap II
Riflessjoni fuq il-qagħda preżenti 10

Kap III
Prijoritajiet għall-futur 25

Kap IV
Miżuri biex jintlaħqu l-prijoritajiet 34

Kap V
Konklużjoni 49

# PREŻENTAZZJONI

L-għan ta' dan id-dokument hu li, wara riflessjoni (i) fuq il-kriterji teoloġiċi u (ii) fuq il-qagħda attwali tal-lajċi nsara f'Malta, jiġu kkonsidrati (iii) l-prijoritajiet u (iv) l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu dawn il-prijoritajiet fil-qasam tal-lajkat nisrani f'pajjiżna.

Id-dokument jibda l-ewwel billi jitkellem fuq xi kriterji importanti biex wieħed jifhem ir-rwol tal-lajċi llum. Jippreżenta s-sejħa tal-lajċi nsara għall-qdusija, kemm permezz tas-sehem tagħhom fis-soċjetà kif ukoll fi ħdan il-komunità ekkleżjali.

Il-lajċi huma msieħba ma' Kristu fil-missjoni tiegħu. Huma jgħixu l-magħmudija tagħhom billi jimpenjaw ruħhom fil-qalba tad-dinja, fl-oqsma differenti – fl-uffiċċju, fil-fabbrika, fin-negozju, fil-professjoni, fil-familja, fil-kultura. Il-missjoni tal-lajċi hija li jkunu l-kuxjenza nisranija fis-sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja li jsibu ruħhom fihom.

Fl-istess waqt, il-lajċi huma msejħin biex ikunu membri ħajjin tal-Poplu ta' Alla u jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fi ħdan il-Knisja. Dan jagħmluh billi jiżviluppaw id-doni li bihom jagħnihom l-Ispirtu ta' Alla u jużawhom għas-servizz tal-Knisja kollha.

Id-dokument jagħmel riflessjoni fuq il-qagħda preżenti tal-lajċi nsara. Jitkellem fuq il-ħtieġa li r-reliġjożità tiżviluppa f'fidi awtentika. Ħafna mill-insara Maltin mhumiex konxji tar-rwol tagħhom bħala lajċi. Id-dokument jitkellem kemm fuq l-appostolat individwali, kif ukoll fuq dak f'assoċjazzjonijiet, fejn il-lajċi jissieħbu biex jagħtu xhieda kollettiva tal-fidi tagħhom.

Id-dokument jitkellem fuq il-prijoritajiet għall-futur. Fost dawn, isemmi l-ħtieġa li tikber il-fiduċja fil-lajċi, li jkun hemm rispett bejn ir-rwoli kollha fil-mixja tal-Poplu ta' Alla, li l-lajċi jkollhom sehem mill-proġett ta' evanġelizzazzjoni ġdida indirizzata speċjalment lejn dawk li tbiegħdu mill-Evanġelju, u li f'soċjetà pluralista l-lajċi jaħdmu bħal melħ li jagħti t-togħma u bħal dawl li juri t-triq.

Hi prijorità wkoll li l-lajċi jkunu kapaċi jaqraw is-sinjali taż-żminijiet, li juru x'inhuma l-esiġenzi tad-dinja ta' llum u jindikaw x'għandha tkun l-attitudni ta' min qed jaħdem fil-Knisja. Prijorità oħra hi li l-appostolat lajkali jfittex li jinfluwenza bl-Evanġelju l-mod kif il-poplu Malti jaħseb, jitkellem, jaħdem, jiddeverti, jirraġuna u jgħix fil-ħajja pubblika u privata tiegħu.

Id-dokument isemmi wkoll diversi miżuri biex jintlaħqu dawn il-prijoritajiet. Fost dawn: li tinżamm konsultazzjoni regolari mal-lajċi u mal-għaqdiet lajkali u li l-lajċi jkollhom sehem xieraq f'deċiżjonijiet li jolqtu lill-parroċċa u lid-djoċesi; li tissaħħaħ aktar il-formazzjoni tal-lajċi, mibnija fuq il-Kelma ta' Alla u t-tagħlim awtentiku tal-Knisja u bl-għajnuna tax-xjenzi umani; li jkun hemm attenzjoni speċjali għall-Maltin li tbiegħdu mill-Knisja u għal dawk li huma emarġinati.

Jalla s-Sinodu Djoċesan iwassal biex il-lajċi nsara jħarsu lejn il-futur b'kuraġġ u b'konvinzjoni dwar il-messaġġ li tiegħu huma ħabbara, u hekk jaħdmu bla heda biex is-soċjetà Maltija tibqa' tgħożż il-valuri ta' l-Evanġelju.



# Kap I

## IL-KRITERJI TEOLOĠIĊI TAL-LAJKAT NISRANI

## Mera ta' mħabba u għaqda

1

Alla sejħilna biex nissieħbu fil-ħajja Trinitarja u nkunu mera ta' l-imħabba u l-għaqda fid-dinja (ara Ef 1,3-4). Hi proprju din il-kwalità li tikkaratterizza l-poplu nisrani, jiġifieri l-għaqda komunitarja fejn mill-imħabba ta' bejnietna nintgħarfu li aħna dixxipli ta' Ġesù (ara Ġw 13,35). Minħabba li aħna msejħa nkunu mera tat-Trinità Qaddisa, aħna msejħa wkoll biex inkunu poplu wieħed; poplu mżejjen b'individwi uniċi, ilkoll b'doni, qadi u funzjonijiet differenti, skond kif Alla jqassam (ara 1 Kor 12,3-11). Huwa f'dan il-qafas komunitarju u Trinitarju li Alla jridna nagħtu sehemna għas-Saltna tiegħu.

## Sejħa Trinitarja

2

Il-Knisja hi l-Poplu ta' Alla miġbur fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu Qaddis,[1] u hi konxja li l-preżenza tagħha fid-dinja hi waħda partikulari. Dan għaliex it-Trinità Qaddisa hi l-oriġini, is-sura u d-destinazzjoni aħħarija ta' l-għaqda tal-Knisja, jiġifieri hi l-għajn li minnha din l-għaqda titwieled, li minnha tieħu l-ispirazzjoni tagħha u hi l-mira li lejha miexja matul iż-żminijiet. Il-missjoni Trinitarja timplika għall-Knisja mħabba għad-dinja u preżenza fid-dinja li fiha hemm jaħdem Alla l-ħaj. Il-Knisja tgħix fil-lajċità tad-dinja.[2] F'din il-preżenza għandu sehem kull mgħammed, fosthom il-lajċi kollha li huma wkoll għandhom sejħa Trinitarja.

## Id-dinjità tal-lajċi

3

Bil-kelma lajċi nifhmu "il-fidili kollha minbarra dawk li huma membri ta' l-ordni sagri u ta' l-istat reliġjuż magħruf mill-Knisja, jiġifieri l-fidili li wara li

1 San Ċiprijanu, *Fuq it-Talba tal-Missierna,* 23, kif ikkwotata f'Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), 4.

2 Bruno Forte, *La Chiesa della Trinità*, Cinisello Balsamo 1995, 337.

saru jagħmlu sehem mill-ġisem ta' Kristu bil-Magħmudija u miġbura f'Poplu ta' Alla, jipparteċipaw, fil-qies tagħhom, mill-uffiċċju saċerdotali, profetiku u rjali ta' Kristu u, kulħadd skond il-parti tiegħu, iwettaq fil-Knisja u fid-dinja l-missjoni proprja tal-poplu nisrani kollu. Ix-xejra sekulari hi proprja u partikulari għal-lajċi".[3] Din ir-realtà, li l-lajċi jirċievu fil-Magħmudija, tagħtihom sura ta' ħajja li tagħżilhom bla ma tifridhom mis-saċerdoti u mir-reliġjużi.

Fi *Christifideles Laici* naqraw: "Nagħrfu x'inhi d-dinjità tal-lajċi nsara, b'mod l-aktar sħiħ, jekk inqisu x'inhi s-sejħa fundamentali u ewlenija li l-Missier fi Kristu bl-Ispirtu Qaddis jagħmel lil kull wieħed u waħda minnhom: sejħa għall-qdusija, għall-imħabba perfetta. Il-qdusija hija l-aqwa xhieda tad-dinjità mogħtija lid-dixxipli ta' Kristu".[4]

## Imseħbin fil-missjoni ta' Kristu Saċerdot, Profeta u Sultan

4

Il-lajċi huma kkonsagrati biex jagħtu sehemhom fil-missjoni saċerdotali ta' Kristu u biex ikunu nazzjon qaddis[5] l-aktar bis-sehem fil-misteri qaddisa. Il-lajċi jissieħbu wkoll fil-missjoni profetika ta' Kristu. Huma obbligati jistqarru b'ħajjithom kollha l-fidi tagħhom quddiem l-oħrajn. Il-lajċi jieħdu sehem ukoll fil-missjoni rjali ta' Kristu, l-aktar billi jkunu preżenti fid-dinja biex iqaddsuha minn ġewwa u jbiddluha skond il-pjan ta' mħabba li Alla għandu għaliha, mingħajr ma jkunu tad-dinja; "billi jaqdu ministeri differenti",[6] u billi "skond il-liġi, jagħtu s-sehem tagħhom fit-tħaddim tas-setgħa tat-tmexxija".[7] Dan kollu mhux faċli imma jistgħu jaslu għalih għax

[3] *Lumen Gentium*, 31. Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles Laici* (30 ta' Diċembru 1988), 15.

[4] *Christifideles Laici*, 16.

[5] Ara *ibid.*, 14.

[6] *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 910.

[7] *Ibid.*, par. 911.

huma msaħħin bil-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis li rċevew fis-sagramenti ta' l-inizjazzjoni nisranija. Hi d-dilka qaddisa ta' l-Ispirtu (1 Ġw 2,20) li tqanqal lil dawk li jemmnu biex jagħtu xhieda tal-fidi bl-għemil tas-sewwa.[8]

## Membri tal-ġisem ta' Kristu

5

Dan it-tisħib fil-missjoni saċerdotali, profetika u rjali ta' Kristu jingħata lill-fidili kollha tal-Knisja individwalment, għax huma membri tal-ġisem ta' Kristu, "imseħbin mal-Knisja kollha f'xirka waħda ta' mħabba".[9] Kulħadd, fil-Knisja, kemm dawk li jagħmlu sehem mill-ġerarkija u kemm dawk immexxija minnhom, huma msejħa għall-qdusija, jiġifieri li kull wieħed u waħda skond il-ħajja tagħhom, ifittxu l-perfezzjoni fl-imħabba. L-insara kollha ta' kull stat u grad ta' ħajja, huma msejħa għall-milja tal-ħajja nisranija.[10]

## Il-vokazzjoni tal-lajċi bħala membri tal-Poplu ta' Alla

6

L-insara kollha huma membri uniċi u insostitwibbli tal-Poplu ta' Alla: "Alla għoġbu jqaddes u jsalva l-bnedmin mhux individwalment, mingħajr ebda rabta ma' xulxin, iżda ried li jagħmel minnhom poplu li jagħrfu fil-verità u jservih bil-qdusija".[11]

Il-Konċilju Vatikan II, l-aktar fid-dokumenti *Lumen Gentium* u *Apostolicam Actuositatem*, jenfasizza li l-appostolat hu tal-Knisja kollha, bħala Poplu ta' Alla. Lill-membri ta' dan il-Poplu ġdid ta' Alla, Kristu għamilhom

8 Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam Actuositatem* (18 ta' Novembru 1965), 3.

9 L-Ewwel Talba Ewkaristika, Kanone Ruman.

10 Ara *Lumen Gentium*, 39 u 40.

11 *Ibid.*, 9.

"saltna, qassisin għal Alla u Missieru" (Apok 1,6). Dan iseħħ fil-Magħmudija, meta l-insara jissieħbu fis-saċerdozju wieħed ta' Ġesù Kristu li minnu jipparteċipaw kemm is-saċerdozju ministerjali kif ukoll is-saċerdozju komuni. It-tnejn huma distinti imma ġejjin mill-istess għajn u mmirati għall-istess għan.[12] San Pawl jikteb: "Aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru ta' l-ieħor" (Rum 12,5). Lill-membri ta' dan il-poplu Alla żejjinhom bid-doni tiegħu "lil kull wieħed kif jogħġbu" (1 Kor 12,11).

## Kariżmi

7

Id-doni li Alla jagħti huma kariżmi, jiġifieri intiżi biex jintużaw f'servizz lill-komunità u lill-missjoni tagħha, u "huma ta' siwi għall-ħtiġijiet tal-Knisja u jaqblu magħha; u għalhekk għandhom jintlaqgħu b'sentiment ta' radd il-ħajr u ta' faraġ".[13] La Alla ma jiddiskriminax fl-għoti ta' dawn il-kariżmi, ikun nuqqas gravi li naħsbu li nistgħu niddiskriminaw aħna, u forsi wkoll naħdmu kontrihom, nifgawhom, ninjorawhom jew nagħtuhom il-ġenb. La Alla qed jagħtihom, ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom. Anzi, għandna napprezzawhom u nħaddmuhom għall-ġid tagħna lkoll. Il-Knisja għandha tkun dik il-familja li ssib spazju għall-membri kollha tagħha u tapprezza l-kariżmi kollha tagħhom.

## Id-dimensjoni sekulari tal-Knisja

8

Il-Knisja nfisha għandha dimensjoni sekulari u dan għaliex il-Knisja hi fid-dinja minkejja li m'hijiex tad-dinja (Ġw 17,16). Veru li l-membri kollha tal-Knisja għandhom din id-dimensjoni sekulari li għandha l-Knisja, imma fil-każ tal-lajċi nsara, "hu l-mod proprju u speċjali"[14] tagħhom. Il-lajċi jagħmlu

[12] Ara *ibid.*, 10.

[13] *Ibid.*, 12.

[14] *Christifideles Laici*, 15.

dan billi jimpenjaw ruħhom fil-ħolqien u fl-istorja, jiġifieri fid-dinja,[15] għax "hemm qed isejħilhom Alla"[16] jiġifieri fl-uffiċċju, fil-fabbrika, fin-negozju, fil-professjoni, fil-familja, fil-kultura, fil-ħajja pubblika, fil-politika, fl-isport, fil-komunità, u fl-ambjenti kollha.

## Kuxjenza nisranija fis-sitwazzjoni

9

Is-sejħa tal-lajċi hi li jgħixu u jibnu s-Saltna ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum ma' kulħadd u b'mod speċjali ma' persuni li m'humiex membri tal-komunità nisranija, jew għal raġuni jew oħra ma jqisux lilhom infushom bħala nsara prattikanti. Il-lajċi huma msejħa biex jimlew l-ambjent li jgħixu fih bl-ispirtu ta' Kristu sabiex id-dinja timtela "bid-dawl veru, li jdawwal kull bniedem" (Ġw 1,9). Il-preżenza tal-lajċi fid-dinja hi l-ewwel forma ta' "predikazzjoni" ta' l-Evanġelju fl-ambjenti kollha tas-soċjetà.

## Identità u missjoni tal-Knisja

10

Il-lajċi huma fil-qalba tad-dinja. Din il-pożizzjoni tagħtihom vantaġġi imma wkoll toħolqilhom riskji serji li jistgħu jqabbduhom toroq li jwasslu 'l barra mill-komunità ekkleżjali. Ħidma tabilħaqq ekkleżjali u effettiva tista' toħroġ biss meta l-lajċi jaħdmu fid-dawl tal-għarfien ta' l-identità u l-missjoni tal-Knisja. Il-Knisja l-ħin kollu trid tistaqsi lilha nfisha "min hi" u "x'inhi", u mit-tweġibiet joħroġ x'għandha tkun il-missjoni tagħha fid-dinja ta' llum. Il-lajċi, meta jaġixxu skond dawn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet, ikunu qed iġibu ruħhom skond is-*sensus Ecclesiae*. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-lajċi jitilfu l-ispirtu profetiku tagħhom. Anzi b'hekk ikunu qed jgħixuh u jħaddmuh.

15 Ara Yves Congar, *Per una teologia del laicato*, Brescia 1966, 37-38.

16 *Lumen Gentium*, 31.

## Għas-servizz tas-Saltna

11

Aħna lkoll friegħi ta' l-istess dielja u membri ta' l-istess ġisem. Aħna lkoll xirka waħda li hi l-Knisja. "Ix-xirka tal-Knisja", tgħid *Christifideles Laici*, "hi għalhekk don; don kbir ta' l-Ispirtu" u "l-lajċi nsara jħaddmu l-ministeri u l-kariżmi diversi u komplimentari tagħhom"[17] għas-servizz ta' din il-Knisja-xirka. Biex dan iseħħ, il-Knisja f'Malta trid iżżomm dejjem friski l-identità u l-missjoni tagħha. L-għarfien tar-rwol u s-sens ta' qadi tal-membri tal-Ġisem għandhom jikkontribwixxu biex jissaħħu u jidhru aktar ħajja l-prattika u x-xhieda tal-kmandament ta' l-imħabba. B'dan il-mod is-servizz m'huwiex biss *ad intra* imma wkoll *ad extra*. Kull servizz, anke jekk differenti, irid jinftiehem f'sens ta' għaqda u direzzjoni waħda u aħħarija; direzzjoni li hi responsabbiltà ta' l-Isqof tad-djoċesi. Bħalma ebda merħla ma tista' timxi mingħajr ragħaj, daqstant ieħor merħla ma jistax ikollha aktar minn ragħaj wieħed.

## Dimensjoni ekkleżjali

12

Meta l-lajċi jifhmu din id-dimensjoni ekkleżjali, imbagħad ikun eħfef għalihom u utli għall-Knisja li jħossu li għandhom iżommu rabta mad-djoċesi u mal-parroċċa tagħhom fejn, wara kollox, ħafna drabi tiżvolġi l-ħidma tagħhom. Il-Konċilju Vatikan II iħeġġeġ: "Ħalli l-lajċi nsara jsaħħu fihom is-sens tad-djoċesi, li tagħha l-parroċċa hi qisha ċellula, ħa jkunu dejjem lesti biex, għas-sejħa ta' l-isqof tagħhom, jagħtu sehemhom ukoll fl-attivitajiet tad-djoċesi".[18]

Għalhekk, fuq il-livell parrokkjali, il-lajċi huma mħeġġa jagħtu sehemhom fil-parroċċa f'kollaborazzjoni sħiħa mas-saċerdoti, għaliex il-

[17] *Christifideles Laici*, 20.

[18] *Apostolicam Actuositatem,* 10.

parroċċa hi l-preżenza tal-Knisja fost uliedha u tgħaqqad flimkien kull xorta ta' nies u ddaħħalhom fir-realtà tal-Knisja lokali u fl-universalità tal-Knisja.[19] Il-lajċi jeħtieġ li jkomplu jieħdu sehem aktar sħiħ u wiesa' bil-pariri u l-ħidma tagħhom, kulħadd skond il-kariżmi u l-kompetenza ta' kull wieħed u waħda, ukoll fuq livell djoċesan, bħala membri attivi u maturi tal-Knisja f'Malta. Hawn tajjeb li jintwera apprezzament għall-ħidma ġeneruża u siewja ta' ħafna lajċi li fl-imgħoddi u fil-preżent impenjaw u qed jimpenjaw ruħhom fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja fuq livell parrokkjali jew djoċesan.

## Il-ħtieġa ta' din il-bażi teoloġika

13

Il-Kelma ta' Alla tagħti sens ta' direzzjoni u tnaqqas l-iżbalji li jistgħu jsiru fil-mixja tal-Poplu ta' Alla. Meta l-lajċi jimxu bil-kriterji teoloġiċi, jakkwistaw sens ta' direzzjoni. Barra minn dan, meta l-lajċi jkunu ffurmati fuq bażi teoloġika u spiritwali soda, iżommu kontinwament quddiem għajnejhom li l-għalqa li qed jaħdmu fiha m'hijiex tagħhom imma tal-Mulej u li dak li qed jagħmlu hu kollu għalih. Hekk jaċċertaw aktar lilhom infushom dwar ir-rettitudni ta' l-intenzjoni fil-ħidma tagħhom; ma jeħdux għalihom la meta jkun hemm min jikkritikahom, u lanqas meta ma jiġux apprezzati f'ħidmiethom. Hekk ikunu moħħhom mistrieħ li mexjin bħala Knisja-familja, ikunu kapaċi jaffrontaw it-tfixkil li jiltaqgħu miegħu u jaqdu aħjar il-missjoni li hi tagħhom.

## Ħtieġa li l-bażi teoloġika tkun magħrufa

14

Il-Knisja f'Malta għandha taħdem biex dawn il-prinċipji teoloġiċi jkunu magħrufa minn kulħadd, biex hekk jiġu rispettati minn dawk fis-saċerdozju ministerjali u mħaddma mil-lajċi kollha. Il-bżonn ta' dan id-diskors forsi

19 Ara *ibid.* u *Christifideles Laici*, 27.

jinħass aktar fl-appostolat individwali, li f'ċerti sitwazzjonijiet hu l-unika sura ta' appostolat possibbli;[20] hu appostolat afdat f'idejn il-lajċi nsara għax huma biss jistgħu jagħmluh u ma jistgħu jqabbdu 'l ħadd jagħmlu minflokhom.[21] Fl-assoċjazzjonijiet, il-grupp jiddixxerni u jorganizza l-formazzjoni, waqt li fl-appostolat individwali l-lajċi huma waħedhom, u kultant ikollhom jaġixxu malajr f'sitwazzjonijiet diffiċli. Għalhekk il-ħtieġa li l-lajċi nsara jkollhom formazzjoni teoloġika dwar il-lajkat, biex ikunu jistgħu jagħmlu dixxerniment fuq is-sitwazzjonijiet konkreti u fuq x'għandha tkun l-imġiba tagħhom fid-dawl ta' l-Evanġelju.

[20] Ara *Apostolicam Actuositatem*, 16.

[21] *Christifideles Laici*, 28.



# Kap II

## RIFLESSJONI FUQ IL-QAGĦDA PREŻENTI

## Kuxjenza lajkali

15

Minkejja li l-maġġoranza tal-Maltin huma mgħammdin u jistqarru li huma Kattoliċi, jidher li huma ħafna dawk li m'humiex konxji xi tfisser li jkunu lajċi fil-Knisja, u għalhekk m'għandhomx kuxjenza lajkali. Wisq probabbli li ssibhom jidentifikaw il-missjoni tal-lajċi unikament mal-membri tal-għaqdiet u movimenti u ma' dawk li huma impenjati fil-Knisja; ftit li xejn jafu li "il-post proprju tal-missjoni tal-lajċi m'hijiex is-sagristija u lanqas it-tempju, imma r-realtajiet storiċi, f'dinja li dejjem tinbidel, u fil-ħajja ta' kuljum".[22] Bil-mod kif jitkellmu u jaġixxu, jidher li ħafna f'pajjiżna għad iridu jkunu jafu li l-vokazzjoni tal-lajċi titwieled fl-individwu mal-Magħmudija, u li tiġi mirfuda mill-Ewkaristija u l-Konfermazzjoni; forsi jaħsbu li tkun akkwistata f'xi tesserament ta' xi grupp ekkleżjali. M'humiex konxji biżżejjed li "il-lajċi huma n-nies tal-Knisja fil-qalba tad-dinja...u nies tad-dinja fil-qalba tal-Knisja".[23]

## Kuxjenza missjunarja

16

M'hemmx dubju li l-lajċi Maltin għandhom bżonn kuxjenza aktar qawwija tal-missjonarjetà tal-Knisja. Din hi dimensjoni essenzjali. Il-Knisja teżisti biex turi lill-bnedmin kollha l-wiċċ ta' Kristu[24]. Aħna lkoll mibgħutin *ad gentes*, nibdew b'dawk ta' madwarna. B'danakollu, minkejja l-limiti fil-kuxjenza missjunarja, wieħed ma jistax ma jinnotax l-impenn nisrani ta' numru kbir ta' lajċi Maltin, fil-familja, fl-edukazzjoni, fil-*media*, fuq ix-xogħol, fost iż-żgħażagħ, fost l-istudenti u f'oqsma oħra tal-ħajja Maltija. Jeżistu każi ta' kważi erojiżmu f'dak li hu sagrifiċċju ta' ħin, flus u dedikazzjoni min-naħa ta' għadd ta' lajċi. Dan ikompli juri l-importanza ta' l-appostolat individwali.

22 Antonio Cantisani, fil-'IV Convegno regionale delle Chiese di Calabria', kif irrappurtat *f'Il Regno* (1 ta' Jannar 2002) 19.

23 *Ibid.*

24 Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 28.

## Ir-reliġjożità tal-poplu tagħna

17

Ir-reliġjożità, li għal sekli sħaħ sawret l-identità Maltija, għadha qawwija fil-poplu. Ir-reliġjożità hi riżorsa immensa għax fuqha jista' jieħu l-ħajja l-messaġġ evanġeliku. Imma biex iseħħ dan, ir-reliġjożità trid titnissel mill-fidi u tkompli tiżviluppa f'fidi – fidi f'Ġesù Kristu li jibdillek ħajtek mill-qiegħ. Il-fidi hi awtentika meta tittraduċi ruħha fil-kultura, fi stili ta' ħajja li jaqblu ma' l-Evanġelju. Bħala poplu għad irridu naħdmu biex ir-reliġjożità nittrasformawha f'fidi awtentika, u biex ngħixu stil ta' ħajja aktar koerenti.

## Sens ta' direzzjoni

18

Barra minn dan, qed tinħass ċerta inċertezza f'għadd ġmielu ta' membri tal-Poplu ta' Alla f'pajjiżna kemm f'dak li hu twemmin kif ukoll f'dik li hi mġiba, hekk li diversi qed juru ċertu xettiċiżmu dwar l-aktar veritajiet fundamentali tal-fidi u dwar il-validità tan-normi morali li, fil-fatt, għandhom jiggwidaw lin-nisrani. Xi wħud mil-lajċi qed iħossuhom mitlufin għax qed iħabbtu wiċċhom man-nuqqas ta' tweġibiet sodi u konkreti, meta mhux ukoll minn tweġibiet li jkunu kontra xulxin. F'sitwazzjoni diffiċli bħal din, xejn ma tgħin l-imġiba ta' ċerti nies influwenti li joħolqu d-dubji b'li jgħidu jew bis-silenzju tagħhom.

## Il-Parroċċa

19

Is-sehem il-kbir tal-lajċi impenjati fil-ħidma tal-Knisja normalment jingħata fil-parroċċa u fl-istrutturi tagħha. Il-parroċċa ma tistax tkun bħallikieku xi *supermarket* li sempliċiment toffri servizzi reliġjużi fil-mumenti diversi tal-ħajja. Il-parroċċa hi l-post fejn isseħħ il-ħidma tal-Poplu ta' Alla. Biex il-parroċċa taqdi l-missjoni tagħha, irridu nagħmlu ħilitna biex nagħmluha komunità fejn il-parteċipazzjoni u l-korresponsabbiltà jkunu l-binarji ta' l-

iżvilupp tagħha fid-direzzjoni t-tajba. Parroċċa tiddependi ħafna mill-preżenza attiva tal-lajċi.[25] Ma nistgħux nitkellmu minn komunità parrokkjali fejn il-lajċi sempliċiment jesegwixxu l-ordnijiet. M'hemmx dubju li fil-parroċċi tagħna għandna ħafna inizjattivi u għandna ħafna involviment tal-lajċi. Biss ta' min jara kemm dan kollu qed jibni l-komunità.

## Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

20

Il-parroċċa trid tara wkoll li jkollha Kunsill Pastorali Parrokkjali li jiffunzjona, bis-sehem sħiħ ta' l-assoċjazzjonijiet ekkleżjali. Jidher li hawn parroċċi fejn il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jiffunzjona tajjeb u hawn oħrajn fejn inqas. Kultant il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jibda jinħass "żejjed" għax jintuża biex jiġi approvat dak li diġà jkun deċiż. Jista' jiġri wkoll li jinħoloq nuqqas ta' qbil bejn il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Presbiterju Parrokkjali. F'dawn il-każi, il-kap tal-parroċċa għandu rwol importanti ħafna biex tinħoloq atmosfera ta' fiduċja reċiproka u spirtu ta' ftehim. Ta' min isemmi li fil-Knisja f'Malta hawn gruppi u assoċjazzjonijiet li l-membri tagħhom ġejjin minn diversi parroċċi, u għalhekk, minbarra li ma jidħlux jagħmlu sehem minn Kunsill Pastorali Parrokkjali partikulari, m'għandhom l-ebda rabta mal-komunità parrokkjali tagħhom u ftit li xejn jissieħbu fl-appostolat jew jieħdu sehem f'okkażjonijiet reliġjużi fil-parroċċa tagħhom.

## Il-Ministeri

21

Il-parteċipazzjoni u l-korresponsabbiltà tal-lajċi jintwerew l-aktar fil-qadi tal-ministeri. San Pawl jgħid li "aħna ħaddiema ma' Alla" (1 Kor 3,9). L-inkorporazzjoni tal-lajċi fi Kristu tagħmilhom mhux biss operaturi ta' l-evanġelizzazzjoni tad-dinja imma anke "kollaboraturi mar-rgħajja tagħhom

[25] Ara *Christifideles Laici*, 27.

fis-servizz tal-komunità ekkleżjali għall-iżvilupp u l-vitalità ta' l-istess komunità, billi jħaddmu ministeri l-aktar varji, skond il-grazzja u l-kariżmi li l-Mulej jogħġbu jqassam fosthom".[26] Dawn il-ministeri huma servizzi rikonoxxuti leġittimament[27] jiġifieri jagħmlu parti mill-istruttura u organizzazzjoni tal-komunità ekkleżjali.

Għall-grazzja ta' Alla, f'pajjiżna huma ħafna li jidħlu għal dawn il-ministeri. Jidher iżda li xi wħud jorbtu s-servizz li jagħtu ma' qassis, kappillan, komunità reliġjuża, assoċjazzjoni, knisja, kappella jew ċirkustanzi partikulari, u ma jifhmux li bis-servizz tagħhom ikunu qed jgħinu fil-bini tal-komunità ekkleżjali. Tajjeb inżommu f'moħħna li dawk li qed iservu fil-ministeri – ukoll jekk ikunu ministeri rikonoxxuti, konferiti jew istitwiti – jibqgħu dejjem lajċi u għalhekk iridu jeżerċitawhom fl-għarfien kontinwu ta' l-istat lajkali tagħhom. Jixraq hawnhekk li nagħtu titwila lejn tipi ta' attitudnijiet li nsibu fil-lajċi, l-aktar dawk li jservu fid-diversi ministeri.

## Attitudni ta' sottomissjoni

22

L-attitudni ta' sottomissjoni tal-lajċi lejn il-qassis u l-aktar lejn il-kap tal-parroċċa, teżisti ħafna f'Malta. Hawn b'sottomissjoni mhux qed nifhmu dik l-ubbidjenza meħtieġa kull fejn hemm struttura umana, imma dak il-kundizzjonament mentali li bih wieħed jibqa' lura jew jaġixxi mhux mill-konvinzjoni tas-sewwa oġġettiv, imma mill-konvinzjoni ta' l-inferjorità tiegħu fil-konfront ta' l-ieħor. Din mhix sottomissjoni fis-sens pożittiv tal-kelma. Meta kap ta' parroċċa jkollu l-lajċi ta' madwaru jġibu ruħhom b'dan il-mod, mhux neċessarjament ikollu parroċċa ħajja: żgur li dawk il-lajċi ma jikbru qatt u jinżamm ċertu livell ta' medjokrità. Jista' jiġri wkoll li lajċi maturi fil-parroċċa, meta jkunu ttrattati b'mod infantili, jagħżlu li jitilqu u

[26] Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 73.

[27] Ara *ibid.*

joffru s-servizz tagħhom fejn tassew ikunu apprezzati. Għalhekk hemm bżonn ta' bdil fil-mentalità f'kull membru tal-Poplu ta' Alla sabiex jitħaddem bis-serjetà mudell ta' Knisja inqas piramidali u aktar ta' komunjoni bi Kristu fiċ-ċentru.

## Attitudni ta' sostituzzjoni

23

Fid-djoċesi ta' Malta għandna wkoll min ifittex is-sostituzzjoni fil-ħidma tiegħu, jiġifieri jfittex jagħmel servizz jew xogħol minflok ħaddieħor. Għandna lajċi li, forsi anke minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti, jaħsbu li jistgħu jissostitwixxu lis-saċerdot u lill-kappillan. Għandna wkoll xi saċerdoti li għadhom m'għarfux ir-rwol tal-lajċi fil-Knisja, u jibqgħu jidħlu fi rwoli adatti għal-lajċi. It-tentazzjoni tas-sostituzzjoni tinħass qawwija wkoll meta xi parti tgħaddi lill-parti l-oħra dak li hu kompetenza tagħha. Inkunu Knisja komunità mhux billi nħalltu r-rwoli imma billi kulħadd jagħti s-sehem proprju tiegħu.

## Attitudni ta' kollaborazzjoni

24

Dawk kollha li qed jaħdmu fl-appostolat iridu jibżgħu kemm għan-natura u l-missjoni tal-ministeru saċerdotali, kif ukoll għall-vokazzjoni u l-karattru lajkali.[28] Dan iseħħ b'attitudni ta' kollaborazzjoni fost kulħadd, jiġifieri li lkoll flimkien infittxu dak li jrid Alla. M'hemmx dubju li ħafna huma l-lajċi li, fil-ħidma tagħhom, ġenwinament ifittxu l-kollaborazzjoni kemm bejn l-istess lajċi kif ukoll mas-saċerdoti. Dan joħroġ ċar fid-diversi inizjattivi li jittieħdu fil-parroċċi u fid-djoċesi tagħna. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni qed jiġu garantiti servizzi utli lill-komunità li mingħajrha kienu jintilfu. Servizzi bħalma

28 Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi et al., Istruzzjoni *Dwar it-tisħib ta' nsara mhux ordnati fil-ministeru qaddis tas-saċerdoti* (15 ta' Awissu 1997), Daħla.

huma l-formazzjoni reliġjuża, id-djakonija, it-tqarbin tal-morda, il-kura ta' l-anzjani, u oħrajn, huma possibbli biss b'koperazzjoni sħiħa. Hu ttamat li din l-attitudni tiżviluppa f'oħra aktar ekkleżjali, jiġifieri dik ta' korresponsabbiltà.

## Attitudni profetika

25

Il-lajċi jkomplu l-missjoni profetika tagħhom billi jħabbru 'l Kristu bix-xhieda ta' ħajjithom u bi kliemhom.[29] Attitudni profetika tfisser ukoll li tkun kapaċi tgħix l-Evanġelju u l-valuri tiegħu bħal belt fuq muntanja. Il-lajċi għandhom id-dritt, u xi kultant ukoll id-dmir, li jistaqsu u li jixxennqu għat-tiġdid fil-Knisja. Din il-fehma tagħhom dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ġid tal-Knisja għandhom imbagħad juruha lir-rgħajja tagħhom, u wkoll jgħarrfuha lill-insara l-oħra. Naturalment f'dan ir-rigward għandhom dejjem jiġu mħarsa l-fidi u l-morali, għandu jintwera rispett lejn ir-rgħajja, u għandu jitqies il-ġid ta' kulħadd u d-dinjità tal-persuni.[30] L-ogħla forma ta' attitudni profetika hija l-kritika kostruttiva magħmula bl-imħabba. Żgur li jeżistu madwarna s-sinjali ta' attitudni bħal din, imma hemm fejn toktor wisq iżjed. Attitudni profetika mxerrda tkun rikkezza enormi għall-Knisja.

## Lajċi impenjati fuq il-post tax-xogħol tagħhom

26

Għandna numru sabiħ ta' lajċi li jagħtu sehemhom fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Dawn huma ta' eżempju tajjeb għal sħabhom. Imma għandna oħrajn li, proprju minħabba l-impenn kbir tagħhom f'ħidmiet ekkleżjali, jittraskuraw l-oqsma proprji tagħhom fejn jidħlu l-professjoni, il-familja, il-kultura u s-soċjetà in ġenerali. Hu proprju hawn li dawn iridu juru l-kompetenza tagħhom – fix-xogħol li jħaddnu – biex, permezz tiegħu,

29 Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* par. 905.

30 Ara *ibid.,* par. 907.

iwasslu l-messaġġ evanġeliku. In-nuqqas ta' koerenza f'xi lajċi impenjati tista' tkun għajn ta' skandlu f'għajnejn il-kumplament tal-Poplu ta' Alla. Lajċi impenjati li huma neqsin mill-koerenza fir-realtà jagħmlu parti mill-problema flok parti mis-soluzzjoni.

## Sħubija fl-għaqdiet, movimenti u gruppi

27

L-insara jistgħu wkoll iħossuhom imsejħa biex bil-libertà ta' wlied Alla jissieħbu f'assoċjazzjonijiet biex jagħtu xhieda kollettiva tal-fidi tagħhom.[31] Għall-grazzja ta' Alla f'pajjiżna għandna firxa wiesgħa ta' għaqdiet, movimenti u gruppi lajkali li jaħdmu kemm fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq dak djoċesan. Hemm għaqdiet u movimenti kbar b'mijiet u eluf ta' membri u hemm numru sew ta' gruppi bi ftit membri. Żgur li għad hemm spazju biex dan in-numru tal-membri f'dawn l-assoċjazzjonijiet jikber. Dan tħeġġu l-Knisja.[32] M'hemmx dubju li dawn l-assoċjazzjonijiet qed jagħmlu ħidma enormi li qed tħalli ġid kbir. Fihom hemm eluf ta' membri dedikati li jagħtu l-ħin, l-enerġija, il-ħila, il-flus u s-saħħa tagħhom għall-għan tal-għaqda tagħhom u l-ġid tal-Knisja.

## In-natura ta' dawn l-assoċjazzjonijiet

28

F'dawn l-assoċjazzjonijiet għandna taħlita sħiħa ta' etajiet, livelli soċjali, livelli edukattivi u tipi ta' struttura. Hemm uħud jattiraw aktar lill-adulti u oħrajn huma aktar orjentati lejn min hu iżgħar. Hemm assoċjazzjonijiet li għandhom formazzjoni interna permanenti tajba b'korsijiet aġġornati. Hemm dawk li jiffurmaw lill-membri bl-istess attivitajiet li jagħmlu waqt li

31 Ara Dokument maħruġ mill-Assemblea Ġenerali ta' l-Isqfijiet Franċiżi, Lourdes (Novembru 1999).

32 Ara *Apostolicam Actuositatem,* 18-21.

diversi jibbażaw il-formazzjoni tal-membri fuq il-Bibbja u t-talb. Imbagħad hemm dawk li għandhom ċerti nuqqasijiet fil-formazzjoni tal-membri. Barra minn dan, fl-assoċjazzjonijiet tagħna tinħass l-assenza ta' ċerti kategoriji, bħalma huma l-professjonisti. Għandu mnejn jiġri li dawn ma jħossuhomx komdi jidentifikaw ruħhom ma' xi assoċjazzjoni; jista' jkun dan jiġri wkoll minħabba l-istess natura tal-professjoni tagħhom jew minħabba n-nuqqas ta' ħin.

## Għaqdiet, movimenti u gruppi "ġodda"

29

Qed nużaw il-kelma "ġodda" biex nagħrfuhom mill-oħrajn, għax fil-fatt dawn issa ilhom magħna. Ċerti għaqdiet, movimenti u gruppi "ġodda" għandhom il-vantaġġ li twieldu fuq il-bixra tal-bniedem ta' llum, u għalhekk aktarx iħossu inqas il-problema tar-rilevanza li jistgħu jħossu l-assoċjazzjonijiet "tradizzjonali". Il-periklu ta' xi wħud mill-assoċjazzjonijiet il-"ġodda" hu dak li jieħdu attitudni "settarja", billi jqisu l-assoċjazzjonijiet l-oħra u lill-istess Knisja bħala antikwati, u hekk jibdew jinqatgħu mill-komunità ekkleżjali. Jistgħu jibdew jaħsbu li huma biss jirrappreżentaw il-Knisja tal-futur. Dan jaffettwa l-kollaborazzjoni. Naturalment din ir-realtà ma tnaqqas xejn mill-apprezzament tal-ġid kbir li qed jagħmlu. Iżda rridu nifhmu li l-ġid joktor u jissaħħaħ biss fil-kuntest tar-rabta mal-komunità ekkleżjali sħiħa u tas-servizz fi ħdanha.

## Gruppi "indipendenti" fil-parroċċi u fid-djoċesi

30

Bl-intenzjoni tajba ta' aġġornament, xi parroċċi ħadu f'idejhom gruppi eżistenti, fatmuhom mill-għaqda tagħhom u żviluppawhom fi gruppi indipendenti. Barra minn dawn, żviluppaw ukoll għexieren ta' gruppi oħra – uħud bi ftit membri waqt li oħrajn b'mijiet ta' membri – kemm fuq skala parrokkjali kif ukoll fuq skala djoċesana, fuq inizjattiva ta' persuna jew

numru ta' persuni. Dawn huma gruppi li wħud twieldu fuq bażi ġdida u oħrajn ħarġu minn għaqdiet u movimenti stabbiliti. In-natura ta' dawn il-gruppi "indipendenti" fil-parroċċi u fid-djoċesi hi varja: ħafna minnhom huma gruppi ta' talb, waqt li oħrajn ħadu xejra soċjali. Uħud minn dawn il-gruppi għad m'għandhomx approvazzjoni uffiċjali tal-Knisja u ma jagħmlux parti mill-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi fi ħdan id-djoċesi.

Waqt li rridu noqogħdu attenti li ma nifgawx it-tqanqil ta' l-Ispirtu, tajjeb li nagħmlu dixxerniment xieraq biex ma jkollniex frammentazzjoni bla ħtieġa li tista' tfixkel il-kollaborazzjoni ta' bejnietna. Ta' min jinnota li ħafna drabi dawn il-gruppi jiddependu mir-riżorsi limitati li tista' toffri parroċċa. Hemm il-periklu li dawn it-tipi ta' gruppi indipendenti jisfaxxaw hekk kif min ikun imexxihom jiġi nieqes jew iwarrab. Uħud minn dawn il-gruppi twieldu bi tweġiba għan-nuqqas ta' aġġornament f'xi għaqdiet tradizzjonali, almenu f'ċerti friegħi tagħhom fil-parroċċi. Xi gruppi jinħassu aktar effettivi għax ikunu mfasslin skond ħtiġijiet lokali partikulari. Kull każ irid jiġi studjat fuq il-merti tiegħu.

## L-assoċjazzjonijiet bħala gruppi ekkleżjali

31

*Christifideles Laici* ssemmi ħames kriterji dwar l-ekkleżjalità ta' l-assoċjazzjonijiet tal-lajċi:

(i) il-vokazzjoni għall-qdusija u għat-tagħlim nisrani;
(ii) l-istqarrija tal-fidi Kattolika;
(iii) ix-xhieda ta' għaqda sħiħa u konvinta mal-mexxejja tal-Knisja;
(iv) il-qbil u l-parteċipazzjoni fl-għan appostoliku tal-Knisja, jiġifieri l-evanġelizzazzjoni u l-qdusija tal-bnedmin; u
(v) l-impenn tal-preżenza fis-soċjetà umana f'servizz għad-dinjità integrali tal-bniedem.[33]

[33] *Christifideles Laici,* 30.

Tajjeb li kull assoċjazzjoni tagħmel dixxerniment tagħha nfisha skond dawn il-kriterji. Il-laqgħat ta' talb, irtiri, *seminars*, korsijiet, sehem fil-liturġija u inizjattivi oħra simili juru li hemm ċerta attenzjoni għall-qdusija u għall-formazzjoni. Dan hu importanti u jrid jiżdied fil-kwalità anke minħabba li mhux rari llum li ssib membri fl-assoċjazzjonijiet li huma stess għandhom problemi serji, l-aktar familjari. Rigward il-lealtà tagħhom lejn il-Maġisteru, tidher li mhix fid-dubju, għalkemm forsi hi waħda aktarx passiva. Jeżistu iżda xi problemi fejn jidħol l-ispirtu ta' evanġelizzazzjoni. Gruppi li l-ħidma tagħhom mhix direttament fl-impenn appostoliku mhux dejjem jifhmu s-sehem evanġeliku tagħhom, bħalma wkoll għaqdiet fl-appostolat mhux dejjem jifhmu s-sehem tagħhom fid-djakonija. L-assoċjazzjonijiet ekkleżjali għandhom jitħarrġu tajjeb fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, li fil-preżent jinħass skars.

## L-istrutturi ċentrali għal-lajċi

32

Id-djoċesi tinkuraġġixxi u tagħti appoġġ lil-lajċi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom permezz ta' żewġ strutturi importanti: il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi u s-Segretarjat għal-Lajċi.

**Il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi** jiġbor fih numru ta' għaqdiet u movimenti Kattoliċi importanti, imma mhux l-assoċjazzjonijiet kollha. Ir-relazzjoni bejn għaqda u oħra fi ħdan il-Forum hi tajba imma tista' tkun aktar dinamika. Ħafna drabi hi waħda uffiċjali, pjuttost skarsa mis-sens ta' Knisja, u waħda ta' konvenjenza aktar milli ta' konvinzjoni. Din il-qagħda tinħass l-aktar meta jiġu organizzati jew jittieħdu inizjattivi fuq skala djoċesana.

Tajjeb wkoll li jkunu kkunsidrati mill-ġdid il-ħidma u rwol tas-**Segretarjat għal-Lajċi**, is-sehem tal-lajċi fl-evanġelizzazzjoni u kif il-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Kunsilli Parrokkjali jistgħu jkunu aktar effettivi. Ma jidhirx li dan is-Segretarjat qed jinħass wisq fost il-membri tal-Poplu ta'

Alla li m'humiex membri ta' xi assoċjazzjoni ekkleżjali. Ftit jafu bl-eżistenza tiegħu.

## Il-preżenza tal-Knisja fl-oqsma soċjali

33

Il-Knisja f'Malta dejjem kienet ewlenija fis-servizz ta' l-iżvilupp edukattiv u soċjali permezz ta' l-iskejjel, djar għat-tfal u għall-anzjani, u opri oħra. Illum dan is-servizz qed jagħtih l-Istat ukoll. Fl-istess ħin, bin-numru ta' saċerdoti u reliġjużi dejjem nieżel, il-Knisja tista' titlef il-preżenza benefika tagħha f'ħafna oqsma ta' karità. Għalhekk il-Knisja trid tistudja mill-ġdid kif tista' tgħix u twassal il-messaġġ ta' mħabba nisranija fl-oqsma soċjali. Qegħdin isiru diversi esperimenti ta' proġetti, immexxija minn għaqdiet jew individwi lajċi bi sħab mal-ġerarkija tal-Knisja. Bosta minn dawn il-proġetti qegħdin jirnexxu u jħallu ħafna ġid.

## Il-familja

34

Il-familja hi l-post l-aktar naturali fejn il-lajċi jagħmlu l-appostolat ta' l-evanġelizzazzjoni.[34] Il-familja m'hijiex biss l-iżgħar ċellula tal-Knisja imma hija wkoll il-benniena tagħha, fejn l-għarfien ta' Alla u l-vokazzjonijiet jissawru.[35] Il-familja hi l-post fejn isseħħ l-edukazzjoni fil-valuri essenzjali tal-ħajja tal-bniedem,[36] fejn isseħħ l-ewwel esperjenza tal-Knisja,[37] fejn jitrawwem it-talb,[38] u fejn jitkebbes il-fuklar ta' l-imħabba.[39] Hu meħtieġ li l-parroċċa kollha tagħti appoġġ sħiħ lill-familji, l-aktar lil dawk f'diffikultajiet.

34 Ara *Evangelii Nuntiandi*, 71.

35 Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* (22 ta' Novembru 1981), 53.

36 Ara *ibid.*, 37.

37 Ara *ibid.*, 39.

38 Ara *ibid.*, 59-62.

39 Ara *ibid.*, 63-64.

Kull familja trid tħossha tagħmel parti mill-parroċċa. Dan hu aktar diffiċli meta l-familji jmorru joqogħdu f'parroċċa ġdida għalihom.

Ta' min jikkunsidra metodi kif jagħti importanza u aktar sens lil ċerti drawwiet li jiffurmaw parti mir-reliġjożità popolari fil-familja. Għandu jkun hemm għajnuna serja sabiex il-familja tkun tassew "Knisja domestika"[40] fejn ikun hemm ħajja ta' mħabba, sens ta' komunità, u tixxandar il-Kelma.[41]

## Il-qagħda tal-mara

35

Tul iż-żminijiet żviluppat prattika diskriminatorja fil-konfront tal-mara, kultant anke f'ambjenti ekkleżjastiċi. Lejn tmiem is-seklu li għadda, ġie rikonoxxut kważi b'mod universali l-kunċett ta' l-ugwaljanza tan-nisa. Bil-mod il-mod bdew jiġu identifikati aspetti fejn in-nisa ma kinux qegħdin jiġu ttrattati b'mod indaqs bħal, ngħidu aħna, fejn tidħol l-aċċessibbiltà għat-tagħlim, l-opportunitajiet ta' xogħol, il-pożizzjonijiet ta' tmexxija, ir-rispett tal-fehma tagħhom u s-sehem tagħhom fil-Poplu ta' Alla. Illum il-qagħda tal-mara tjiebet sewwa fl-ambjenti kollha, inkluż dak ekkleżjali, imma s-sehem tagħha fil-Knisja jista' jkompli jitjieb. Fil-preżent, ħafna mill-ħidma tal-mara fil-Knisja f'Malta hi marbuta ma' attivitajiet tradizzjonalment "femminili", bħal katekeżi, organizzazzjoni ta' okkażjonijiet soċjali, xogħol tal-ħjata, u oħrajn simili, meta nafu li l-mara għandha wisq aktar x'tagħti.

## Il-qagħda ta' l-anzjani

36

Il-bniedem kemm-il darba qiegħed jasal għall-età tal-pensjoni f'saħħtu, mimli enerġija u esperjenza li mhux ta' min jarmihom. Ħafna anzjani diġà

40 *Lumen Gentium,* 11.

41 Dwar dan is-suġġett, ara d-dokument tas-Sinodu *Żwieġ u Familja.*

jagħtu sehemhom fl-għaqdiet, imma hemm ħafna oħrajn li jkunu lesti jagħtu l-kontribut siewi tagħhom jekk xi ħadd jistedinhom. Kultant l-għaqdiet u l-gruppi stess iżommu lil dawn in-nies ’il bogħod billi jsiru ċirku magħluq li diffiċli wieħed jippenetrah. Hemm bżonn li dan iċ-ċirku jitwessa’ biex kulħadd ikollu l-opportunità li jagħti sehmu, indipendentement mill-età.

## Il-qagħda tal-professjonisti

37

Il-professjonisti qegħdin f’pożizzjoni li jinfluwenzaw il-ħsieb u l-aġir tan-nies li huma jaqdu u ta’ sħabhom, b’mod speċjali fejn tidħol l-etika. Ħafna minnhom qegħdin qrib il-poplu u f’pożizzjoni li jistgħu josservaw u janalizzaw l-aġir tiegħu u f’sitwazzjoni fejn jistgħu jiggwidaw l-iżvilupp ta’ etika bbażata fuq it-tagħlim nisrani, l-aktar meta jiffaċċjaw prattiċi ġodda. Il-poplu jirrispetta l-kelma tal-professjonist u ġeneralment jaċċetta l-pariri tiegħu bħala pariri tajbin. Imma jinħass nuqqas ta’ sensibilizzazzjoni fil-professjonisti fejn jidħol is-sehem tagħhom fil-Poplu ta’ Alla.

## Adolexxenti u żgħażagħ

38

Sehem l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-Knisja hu wieħed importanti u jippreżenta sfida. In-numru ta’ assoċjazzjonijiet dedikati esklussivament għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ hu pjuttost skars. Dawn l-assoċjazzjonijiet eżistenti ħaqqhom apprezzament għal xogħol mhux faċli li qed jagħmlu. Għandu jkun apprezzat ħafna s-sehem li ħafna żgħażagħ qed jagħtu fil-ħidmiet tal-Knisja.

Hawn ta’ min isemmi li, ftit żmien ilu, fil-parroċċi tagħna, kienu nfetħu numru ta’ *youth centres* li aktarx kienu jilqgħu fihom tfajliet u ġuvintur. Waqt li għandna nagħrfu l-isforzi kbar li saru, irid jingħad li wħud mill-għaqdiet eżistenti dak iż-żmien tilfu ż-żgħażagħ li kienu jassigurawlhom ċerta

kontinwità. Jista' jkun li dawn l-assoċjazzjonijiet ma tantx taw każ tat-tibdil fis-soċjetà u s-sinjali taż-żminijiet u għalhekk ma ġibdux lejhom demm ġdid. Diversi minn dawn il-*youth centres*, li kienu jduru fuq il-kariżma ta' persuna partikulari, ġew fix-xejn hekk kif spiċċat dik il-persuna. Forsi ntilfet opportunità li jkun imsaħħaħ it-tagħlim nisrani fiż-żgħażagħ u t-taħriġ ta' mexxejja għall-ġenerazzjonijiet futuri. Hu urġenti li żgħażagħ jiġu ffurmati ħalli huma stess ikunu *youth leaders* li jmexxu gruppi ta' żgħażagħ. Il-Knisja trid tagħmel kull sforz f'din il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ.[42]

## Analiżi meħtieġa

39

Meta wieħed jara l-ħidma kbira li tant lajċi impenjati, flimkien ma' oħrajn, iwettqu fost il-poplu tagħna, wieħed jistaqsi: għaliex m'aħniex aħjar? Din mhix mistoqsija li takkuża imma hi mistoqsija li tisfida. Din il-mistoqsija bl-ebda mod ma tinjora t-tajjeb enormi li jeżisti fil-poplu tagħna, imma hi intenzjonata li tgħin l-analiżi dwar jekk l-isforzi li jsiru jirriżultawx fit-tajjeb mixtieq. Din il-mistoqsija trid tixħet sfida lil-lajċi kollha biex jaraw jekk humiex qed jagħtu s-sehem tagħhom, u lil dawk impenjati, kemm u kif qed jagħtu dan is-sehem. Ma nkunux ħfief biex inwaħħlu esklussivament fil-materjaliżmu u fis-sekulariżmu tad-dinja ta' llum. Kulħadd għandu sehem x'jagħti.

[42] Dwar dan is-suġġett, ara d-dokument tas-Sinodu *Adolexxenti u Żgħażagħ*.



# Kap III

## PRIJORITAJIET GĦALL-FUTUR

## Ħtieġa ta' aktar fiduċja

40

Jista' jiġri li, minħabba li l-enfasi fuq it-teoloġija tal-lajkat hi pjuttost riċenti, kif ukoll minħabba li għadha qawwija l-mentalità li l-lajċi qegħdin hemm biex ikunu sempliċiment spalla għas-saċerdot, ikun hawn min għadu xettiku fuq is-sehem veru tal-lajċi u jibża' jgħaddilhom b'fiduċja dak li għal sekli sħaħ kien isir minn dawk fis-saċerdozju ministerjali. L-attitudni tal-Knisja lokali lejn il-lajċi hi waħda pożittiva, imma dejjem hemm lok għal titjib. Jista' jkun hawn l-impressjoni li kultant qed induru fuq il-lajċi meta ma tinstabx persuna konsagrata. Sehem il-lajċi għandu joħroġ bħala riżultat ta' x'inhi l-Knisja u mhux minħabba xi kriżi. **Aktar fiduċja fil-lajċi** hi l-bażi ta' kull progress fil-ħidma tal-Poplu ta' Alla kollu.

## Il-lajkat hu riżorsa enormi

41

Il-lajkat mhux theddida u lanqas żieda, imma riżorsa enormi għall-Knisja. Il-possibbiltà ta' theddida titfaċċa meta mhux kulħadd ikun jaf sewwa r-rwol tiegħu x'inhu, u meta jonqos l-impenn biex ngħixu bejnietna dak li jgħaqqadna: rispett, fiduċja u mħabba reċiproka (ara Ġw 14,34). Is-Sinodu Straordinarju ta' l-Isqfijiet ta' l-1985 jgħid li Alla hekk għamilhom l-affarijiet, jiġifieri "ried jafda d-dinja lill-bnedmin, irġiel u nisa, biex jissieħbu fil-ħidma tal-ħolqien, jeħilsu l-ħolqien mit-tiġrib tad-dnub, iqaddsu lilhom nfushom fiż-żwieġ jew fil-ħajja ta' nies mhux miżżewġa"[43] fl-oqsma kollha tas-soċjetà. Jekk Alla ma ddejjaqx jafda lill-bniedem bl-iżvilupp materjali u spiritwali tad-dinja, il-Knisja m'għandiex tiddejjaq tafda aktar il-lajċi. Għalhekk kulħadd għandu jħares lejn **il-lajkat bħala riżorsa**, biex b'hekk tinfirex it-triq għall-kollaborazzjoni u korresponsabbiltà intelliġenti u xierqa fost il-membri tal-Knisja f'Malta.

[43] Sinodu Straordinarju ta' l-Isqfijiet 1985, Propositio 4.

## Lajċi attivi u mhux passivi

42

Il-lajċi nsara nfushom jeħtieġ li jemmnu li huma riżorsa kbira għall-Knisja, u hekk iħossuhom dejjem aktar li huma membri **attivi** u mhux passivi tal-Knisja. Dan għandu joħroġ mill-fatt li lilhom ġie afdat id-dmir li jidħlu f'ħidma ta' ġid li huma biss jistgħu jwettqu tajjeb. Ħafna jiddependi minn kemm il-lajċi nfushom jersqu 'l quddiem biex jidħlu għal dan l-appostolat. Biex jagħmlu dan, il-lajċi jridu jħossuhom milqugħin fil-Knisja.

## Rispett reċiproku

43

Irridu nemmnu li fil-proġett-Knisja hemm jaħdem l-Ispirtu Qaddis li niżel fil-membri kollha tagħha fis-sagrament tal-Magħmudija u li saħħaħ il-preżenza tiegħu fihom bis-sagrament tal-Konfermazzjoni. Irid ikun hemm rispett lejn u **bilanċ bejn ir-rwoli kollha** fil-mixja komuni tal-Poplu ta' Alla lejn il-Missier**.** Dan hu enfasizzat f'diversi dokumenti tal-Knisja. Studju fil-fond ta' dawn id-dokumenti tal-Knisja dwar il-lajkat nisrani jwassal mhux biss għal ispirazzjoni, tisħiħ u tiġdid tas-sehem tal-lajċi fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja, imma wkoll għal rispett reċiproku fost il-membri kollha tal-Poplu ta' Alla.

## Il-lajkat bħala għajn ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida

44

"M'hemmx dubju li t-tielet millennju jidher quddiemna bħala sejħa mġedda għall-missjoni universali",[44] jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II. Din il-missjoni universali hi dik ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida, li l-animatur tagħha hu dejjem Kristu: "Ġesù nnifsu, l-Aħbar it-Tajba ta' Alla, kien l-ewwel u l-akbar

[44] Ġwanni Pawlu II, Messaġġ għal Jum il-Missjoni (18 ta' Ottubru 1998), 6.

evanġelizzatur".[45] Minkejja li għaddew elfejn sena, tibqa' l-ħtieġa tad-dawl ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida li hi t-triq li l-Knisja trid taqbad. Il-messaġġ ta' l-Evanġelju hu wieħed; kien, hu u jibqa' l-istess (Lh 13,8), imma jrid jingħata b'evanġelizzazzjoni **ġdida fil-ħeġġa, fil-metodi u fl-espressjoni tagħha**.[46] Kull imgħammed, u mhux biss min hu membru ta' xi għaqda jew moviment reliġjuż, għandu jagħmel sehem mill-proġett ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida tad-dinja. It-tixrid ta' dan il-kunċett għandu jkun objettiv ewlieni tas-Segretarjat għal-Lajċi.

## *Diaspora*

45

L-evanġelizzazzjoni ġdida għandna bżonnha għax is-soċjetà Maltija m'għadhiex waħda ispirata esklussivament mit-twemmin nisrani. Biżżejjed nagħtu titwila lejn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u l-imġiba ġenerali fis-soċjetà biex nintebħu kemm daħlu fost il-poplu tagħna idejat, tagħlim u suriet ta' ħajja differenti minn dawk ispirati mill-Evanġelju. Din is-sitwazzjoni għandha tkun magħrufa biex il-lajċi ma jfittxux integraliżmu li spiċċa żmienu, imma jifhmu li ħafna drabi huma d-***diaspora*** **f'soċjetà pluralista**, il-ħmira li tgħolli l-għaġna kollha (Lq 13,21). Fi kliem ieħor, hi prijorità li l-lajċi kollha jifhmu li l-ħidma tagħhom ħafna drabi hi waħda marbuta mal-preżenza tagħhom fl-ambjenti kollha tal-ħajja, inklużi dawk li jidhru jew jinħassu ostili, u fejn iħossuhom f'minoranza.

## Taħriġ xieraq

46

Il-lajċi ma jistgħux jistennew li jkun hemm il-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet idejali għat-tixrid u għall-aċċettazzjoni ta' l-Evanġelju u l-valuri tiegħu, biex imiddu idejhom. Iridu jaġixxu skond iċ-ċirkustanzi li jsibu ruħhom fihom. Dan jitlob tħejjija tajba. Biex il-lajċi jaslu jinkarnaw il-Kelma

45 *Evangelii Nuntiandi*, 7.

46 Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Pastores Dabo Vobis* (25 ta' Marzu 1992), 18.

ta' Alla fis-soċjetà ta' llum, iridu **t-taħriġ u formazzjoni xierqa**; fl-evanġelizzazzjoni ġdida mhux biżżejjed tkun taf il-messaġġ imma trid tkun taf ukoll id-dinja li fiha ser twasslu. Min-naħa l-oħra, il-lajċi kollha, billi l-preżenza tagħhom fid-dinja hi waħda immedjata u kontinwa, għandhom il-vantaġġ li jkunu jafu d-dinja bit-"tamiet tagħha, ix-xewqat tagħha u x-xejra, spiss drammatika, tagħha"[47] aktar mill-qrib.

## Metodi aktar effettivi

47

Il-lajċi kollha għandhom jifhmu l-importanza li l-appostolat jagħmluh bil-ħeġġa u l-persważjoni kollha, **b'metodi adattati għaż-żminijiet** u b'lingwaġġ li jinftiehem mill-bniedem ta' llum. L-indifferenza li jiltaqgħu magħha xi drabi tista' twassal lil xi lajċi impenjati jiddubitaw mill-validità tal-Messaġġ, meta fil-fatt imisshom jiddubitaw mill-validità tal-metodi li bihom ikunu qed jippruvaw iwassluh. Mira importanti għall-futur għandha tkun dik li l-lajċi jifhmu u jiġu mħarrġa biex il-ħidma kollha tagħhom tinkwadra fl-evanġelizzazzjoni ġdida bl-esiġenzi kollha tagħha.

## Lajkat li jaqra s-sinjali taż-żminijiet

48

F'*Centesimus Annus* naqraw: "B'sens kbir ta' responsabbiltà, (il-lajċi għandhom) iqisu sewwa kull ma jkun qiegħed jiġri fid-dinja biex jaraw x'inhuma l-ħtiġijiet ta' evanġelizzazzjoni ġdida".[48] Dan jitlob livell ta' maturità għoli hekk li jkunu kapaċi jaqraw is-sinjali taż-żminijiet. Qari kif jixraq tas-sinjali taż-żminijiet ifisser l-għarfien, it-tgħarbil, u d-dixxerniment ta' dawk il-ġrajjiet, il-proċessi umani u dak kollu li fil-fatt għandu

[47] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965), 4.

[48] Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus Annus* (1 ta' Mejju 1991), 3.

riperkussjonijiet profondi fuq l-aspetti morali, reliġjużi u soċjali tal-ħajja tal-bniedem, fil-manifestazzjonijiet kollha tagħha.[49] Il-lajċi huma f'pożizzjoni vantaġġjuża biex jintebħu bis-sinjali taż-żminijiet minħabba n-natura sekulari tagħhom u l-preżenza tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Għalhekk għandha tkun prijorità li **tikber il-konsultazzjoni mal-lajċi** u li din tieħu forma permanenti, kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali. L-għodda biex jintlaħaq dan il-għan huma l-istrutturi eżistenti fid-djoċesi li fihom għandhom sehem il-lajċi, strutturi li għandhom jiġu aġġornati skond iż-żminijiet.

## L-għażla preferenzjali tal-fqar

49

Is-sinjali taż-żminijiet għandhom iwasslu għal aktar attenzjoni mil-lajċi għal ċerti realtajiet f'pajjiżna li forsi s'issa mhux kulħadd dejjem tahom l-importanza li jixirqilhom, bħalma huma l-għażla preferenzjali tal-fqar u l-forom ġodda tal-faqar, u dawk il-Maltin ħutna li nqatgħu mill-Knisja jew mill-prattika reliġjuża. Hekk il-lajċi jistgħu jħarrġu "**rwol profetiku kritiku**"[50] li għalih huma msejħin. Għandha għalhekk tkun prijorità oħra għall-futur li l-lajkat ikun aktar imħejji biex jagħmel tiegħu l-għażla preferenzjali tal-fqar u jagħmel aktar appostolat indirizzat lejn dawk li tbiegħdu mill-Evanġelju.

## Il-lajkat, ħmira fil-kultura Maltija ta' llum

50

Il-Papa Ġwanni Pawlu II jistieden lill-membri kollha tal-Knisja biex iħawlu l-Evanġelju fil-kultura.[51] Il-lajkat għandu jkun **ħmira fil-kultura Maltija**

[49] Ara Bernard Häring, *Evangelization Today*, New York 1991, 6.

[50] *Ibid*., 59.

[51] Ara Ġwanni Pawlu II, Diskors lill-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura (10 ta' Jannar 1992).

**ta' llum.** Il-lajċi, ispirati mill-fidi, għandhom jemmnu li huma wkoll protagonisti tas-soċjetà u għalhekk għandhom id-dmir li jgħinuha tissawwar fid-dawl ta' l-Evanġelju. Evanġelizzazzjoni esterna biss u mhix interna għall-kultura hi evanġelizzazzjoni kważi insinifikanti: "L-individwi għandhom jiġu evanġelizzati fi ħdan il-kulturi tagħhom u mhux bħallikieku m'għandhom l-ebda kultura".[52]

Dan ifisser li l-appostolat lajkali kollu f'pajjiżna jrid ifittex jinfluwenza bl-Evanġelju l-mod kif il-poplu Malti jaħseb, jitkellem, jaħdem, jiddeverti, jirraġuna, juża l-*media* u jaġixxi fil-ħajja pubblika u privata kollha tiegħu. Għandha tkun għalhekk mira ewlenija tal-Knisja f'Malta li tistimola l-lajċi biex ma jikkuntentawx ruħhom li jitqaddsu huma biss jew li jaħdmu esklussivament fost il-membri ta' l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Ma nistgħux nippretendu li n-nghaġ li tbiegħdu jerġgħu jirritornaw fil-merħla ta' Kristu minn rajhom.

## Il-membri ta' l-assoċjazzjonijiet

51

Il-lajċi msieħbin f'xi għaqda jistgħu jħossuhom aktar komdi u żguri bejn l-erba' ħitan ta' l-assoċjazzjoni tagħhom. Hemmhekk, il-moralità nisranija u l-veritajiet tal-fidi li jemmnu fihom qajla huma mhedda u sfidati. Ma nistgħux nevanġelizzaw il-kultura Maltija ta' llum mingħajr **sogru, impenn u sagrifiċċju**. L-appostli daħlu bil-kuraġġ kollu fil-kulturi kollha bl-Evanġelju f'idejhom, u għal dan kellhom iħallsu prezz għoli. Għalhekk għandha tkun prijorità wkoll għall-assoċjazzjonijiet lajkali li jiffurmaw lill-membri tagħhom biex dawn ikunu kapaċi jidħlu fil-kultura Maltija u jevanġelizzawha.

52 Aylward Shorter, *Evangelization and Culture*, New York 1994, 28.

## Post ix-xjenzi umani

52

Waqt li l-aħħar kelma għandha dejjem tibqa' dik tar-Rivelazzjoni divina, l-attenzjoni għax-xjenzi umani għandha tgħin biex il-lajċi nsara f'Malta jintebħu li l-ħidma kollha tagħhom, jekk iridu li tħalli frott bnin, għandha tkun indirizzata lejn il-bniedem sħiħ. Dak kollu li jinteressa lill-bniedem ta' llum għandu wkoll jinteressa lil-lajċi impenjati fl-appostolat. Għalhekk fil-preparazzjoni tal-korsijiet ta' formazzjoni għandha tingħata attenzjoni għad-**djalogu bejn it-teoloġija u x-xjenzi umani** u għall-istudju ta' dawn ix-xjenzi, li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar lill-bniedem ta' llum u d-dinja ta' madwaru. Hu d-dover tal-professjonisti li jipprattikaw dawn ix-xjenzi li jkunu minn ta' quddiem biex jieħdu deċiżjonijiet fid-dawl ta' l-Evanġelju dwar il-problemi etiċi li jġib miegħu l-avvanz xjentifiku u li jgħinu lil ħuthom Maltin jagħmlu għażliet xierqa permezz tal-pariri professjonali tagħhom.

## Ħidma lajkali f'setturi speċifiċi

53

Il-lajkat nisrani Malti għandu jara li jagħmel l-azzjoni meħtieġa u proprja tiegħu biex is-setturi kollha tal-ħajja tal-poplu tagħna, fil-livelli kollha tagħhom, ikunu mdawlin mill-valuri ta' l-Evanġelju. Dan ikun ifisser li l-ħidma lajkali **trid tispeċjalizza** meta tiġi biex tilħaq setturi speċifiċi. Dawn is-setturi jinkludu: l-edukazzjoni, il-ħidma u l-inizjattivi soċjali, il-qasam tax-xogħol, il-familja, id-divertiment u l-ħin liberu, il-*media*, l-arti, l-ekonomija, in-negozju, il-politika u l-ħajja pubblika fil-friegħi kollha tagħha, u l-bqija.

Il-lajċi għandhom ikunu persważi li meta l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jkunu xorbu mill-għajn tal-valuri nsara, jistgħu jkunu ta' servizz aħjar għall-verità u għall-promozzjoni umana; iridu jkunu persważi li meta l-ħaddiema u l-postijiet tax-xogħol jitqaddsu bis-sewwa ta' l-Evanġelju, dawn jaħdmu aħjar, iżommu għaqda bejniethom waqt li jfittxu dak li hu tagħhom

bla mibegħda; hekk ukoll għandhom ikunu persważi mill-influwenza benefika li l-messaġġ evanġeliku jista' jkollu fuq l-istudenti u ż-żgħażagħ, anke fl-attivitajiet ta' divertiment, u hekk f'kull attività umana kullimkien.

## Sehem attiv fil-ħajja pubblika u politika

54

Il-ħajja pubblika tiġbor fiha l-oqsma kollha ekonomiċi, soċjali, leġislattivi, amministrattivi u politiċi tal-pajjiż. Għandha tkun prijorità oħra dik li l-lajċi **jidħlu fil-ħajja pubblika** biex bir-responsabbiltà kollha ta' veri nsara, jagħtu s-sehem siewi tagħhom "għall-ġid tal-bnedmin kollha u tal-bniedem sħiħ"[53] billi jaħdmu għall-ġustizzja, għas-solidarjetà, għall-paċi nazzjonali u internazzjonali, u għall-progress veru, fi spirtu ta' servizz.

Kelma partikulari trid tingħad fejn tidħol il-politika. Kif tgħid *Christifideles Laici*, **il-lajċi "ma jistgħux, b'ebda mod, jibqgħu lura milli jieħdu sehem fil-ħajja politika".**[54] Il-perikli reali ta' ambizzjoni esaġerata, kilba għall-poter, egoiżmu u korruzzjoni, ikompli jfisser dan id-dokument, m'għandhomx iżommu l-lajċi milli jagħtu sehemhom f'dan il-kamp. Biex jintlaħaq dan il-għan, ikun jaqbel li tkun miġġielda l-mentalità żbaljata li l-aqwa servizz li l-lajċi nsara jistgħu jagħtu fil-politika hu dak li jżommu 'l bogħod minnha. "L-insara lajċi, biex jilħqu dan il-għan, irid ikollhom ħila professjonali, ikunu nies onesti, u jaħdmu bi spirtu nisrani, u dan bħala triq għall-qdusija tagħhom infushom".[55] B'hekk jistgħu jkunu l-ħmira li tgħolli l-għaġna kollha (ara Mt 13,33).

53 *Christifideles Laici*, 42.

54 *Ibid.*

55 *Ibid.*, 43.



# Kap IV

## MIŻURI BIEX JINTLAĦQU L-PRIJORITAJIET

## Għal aktar fiduċja fil-lajkat

55

Biex il-Knisja twieġeb b'mod pożittiv għall-vokazzjoni u l-missjoni tal-lajkat, il-Knisja għandha tara li:

(i) tinżamm konsultazzjoni regolari mal-lajċi u ma' l-assoċjazzjonijiet lajkali;

(ii) tagħti sehem xieraq u permanenti lil-lajċi f'deċiżjonijiet li jolqtu lill-parroċċa u lid-djoċesi;

(iii) aktar lajċi jiġu impenjati, fejn meħtieġ, ukoll fuq bażi *full time*, fl-istrutturi, entijiet, rwoli u ħidmiet tal-Knisja f'Malta;

(iv) meta xieraq, tagħżel lajċi biex jirrapprezentawha f'fora internazzjonali.

## Taħriġ għal responsabbiltajiet ġodda

56

Spirtu ta' kollaborazzjoni jfisser li lkoll flimkien infittxu dak li jrid Alla.[56] Koperazzjoni awtentika tkun teżisti meta l-proġett "Knisja" jitqies bħala wieħed komuni għal kulħadd. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar ser ikollna bżonn din il-koperazzjoni. M'hemmx dubju li bin-numru ta' saċerdoti dejjem jonqos, is-sehem tal-lajċi fil-Knisja f'Malta ser jiżdied sewwa. Hi grazzja għad-djoċesi li għandna numru dejjem jiżdied ta' lajċi gradwati fit-teoloġija. Għalhekk ikun xieraq li jsir studju immedjat dwar il-previżjoni tas-sitwazzjoni fil-futur qrib fil-parroċċi tagħna, biex jittieħdu l-passi meħtieġa ħalli **jiġu mħarrġa lajċi adattati** biex jidħlu għal responsabbiltajiet ġodda speċifiċi fil-parroċċi tagħna.

[56] Ara *Christifideles Laici*, 58.

## Aktar mobilità

57

Iż-żmien li qegħdin fih jitlob aktar mobilità tal-lajċi minn post għall-ieħor. Fuq skala limitata ħafna, din il-mobilità diġà teżisti, x'aktarx fuq bażi personali jew għall-esiġenzi interni ta' xi għaqda. Issa rridu naġixxu bħala Knisja-familja. Il-mentalità tal-mobilità għandha twassalna biex fiż-żoni pastorali ma jmurx is-saċerdot biss – li jista' jħossu waħdu – imma jkun hemm miegħu **tim ta' lajċi**, li jistgħu jkunu kemm fuq bażi individwali kif ukoll mibgħuta mill-assoċjazzjonijiet. Li kellna naslu għal dan, inkunu lħaqna livell tabilħaqq għoli ta' kollaborazzjoni.

## Il-post privileġġjat tal-formazzjoni spiritwali

58

Miżura bażika biex jintlaħqu l-prijoritajiet hi dik ta' aktar formazzjoni tal-lajċi kollha. Il-lajċi għandhom "is-sejħa biex jikbru, biex dejjem aktar jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom, biex dejjem aktar jagħtu frott", u biex jintlaħaq dan, hi meħtieġa "formazzjoni sħiħa u soda ta' l-insara lajċi...li hi proċess dejjem sejjer".[57] Din il-formazzjoni trid tkun, qabel xejn, waħda spiritwali. Il-formazzjoni spiritwali "għandha post privileġġjat"[58] f'dan ir-rigward. Dan ifisser li din il-miżura trid tkun **fuq nett ta' l-aġenda** tal-Knisja, ta' l-assoċjazzjonijiet lajkali u ta' kull individwu.

L-istruttura, l-organizzazzjoni u l-effiċjenza huma importanti, speċjalment fid-dinja ta' llum, imma xejn minn dan ma jiswa mingħajr il-formazzjoni spiritwali "msejsa fuq it-talb personali u komunitarju, il-qari tal-Bibbja u l-ħajja sagramentali, jiġifieri dawk il-fatturi li jistgħu jsostnu lil-lajċi fl-azzjoni tagħhom fid-dinja".[59] Korsijiet aġġornati ta' spiritwalità, irtiri,

57 *Ibid.,* 57.

58 *Ibid.,* 60.

59 Dokument dwar il-Lajċi, maħruġ mill-Assemblea Ġenerali ta' l-Isqfijiet Brażiljani (April 1999), 175.

*live-ins* skond il-kategoriji, aktar edukazzjoni fejn jidħlu l-aspetti spiritwali tal-festi tagħna jgħinu f'dan is-sens.

## Formazzjoni permanenti tal-Poplu ta' Alla f'Malta

59

Formazzjoni mġedda tal-Poplu ta' Alla titlob ħidma kbira. Ikun tajjeb li l-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali u l-Kummissjoni Teoloġika jagħmlu studju dwar ir-reliġjożità popolari u l-isfidi reliġjużi tal-poplu tagħna, u jippreparaw bażi teoloġika kontestwalizzata. Dan għandu jkun ta' għajnuna għal pjan ta' ri-evanġelizzazzjoni fil-gżira tagħna.

Dan għandu jwassal, qabel xejn, għal programm ta' **formazzjoni permanenti għall-adulti kollha**, b'attenzjoni speċjali fuq il-familja fejn il-lajċi l-aktar li huma preżenti. Trid tkun formazzjoni dottrinali "b'ħidma kateketika sistematika" u b'tagħrif tal-"kultura nisranija"; b'enfasi fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja; u msejsa fuq il-valuri tal-bniedem.[60] Din il-formazzjoni permanenti trid tkun skola ta' talb, ta' komunjoni u ta' formazzjoni tal-kuxjenza. Dan jitlob xogħol enormi bis-sehem organizzat tal-parroċċi u ta' l-istituzzjonijiet tal-Knisja f'Malta bħalma huma s-Segretarjat għall-Katekeżi, l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, is-Segretarjat għal-Lajċi, il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti, u l-*media* kollha tal-Knisja.

## Użu tal-*media* fil-formazzjoni permanenti tal-poplu

60

Minħabba l-importanza tal-*media* fil-formazzjoni permanenti tal-poplu, qed jinħass ħafna l-bżonn li l-Knisja tinvesti dejjem aktar fil-mezzi moderni ta' komunikazzjoni. Dan jista' jsir bi **preżenza aktar qawwija** fuq

[60] Ara *Christifideles Laici*, 60.

stazzjonijiet eżistenti tar-radju u televiżjoni, bi produzzjoni ta' programmi mħejjija bl-involviment ta' lajċi li huma esperti fil-materja, u bil-possibbiltà li, fuq l-istazzjonijiet kollha, fl-aħjar ħin possibbli, jixxandru programmi ta' formazzjoni reliġjuża. It-*T.V. Unit* li twaqqaf dan l-aħħar mill-Knisja f'Malta għandu jgħin ħafna f'dan. Għall-istess għan għandu jsir użu intelliġenti mill-ġurnali u r-rivisti lokali.

## Tħejjija għall-qasam politiku u assistenza fil-ħajja pubblika

61

Il-lajċi nsara Maltin għandhom jiġu mħajra li jidħlu fil-kamp politiku. Dan għandu jkun imsieħeb minn miżura adatta: il-lajċi li jkunu jixtiequ jidħlu fil-ħajja politika għandu jkollhom l-opportunità ta' formazzjoni xierqa u adegwata. Il-Knisja għandha torganizza wkoll **pastorali għal dawk fil-ħajja pubblika**, jiġifieri għall-membri tal-partiti politiċi, tal-Kamra tad-Deputati, tal-Kunsilli Lokali, tal-Qrati tal-Ġustizzja u għal dawk li jaħdmu fil-livell deċiżjonali tas-Servizz Pubbliku. Permezz ta' din il-pastorali, il-komunità nisranija tkun qed tagħti wkoll appoġġ reali lil dawn il-persuni li ħafna drabi jħossuhom waħedhom f'dinja diffiċli.

## Approfondiment fil-formazzjoni tal-kariżma ta' l-assoċjazzjoni

62

Kif naqraw fi *Christifideles Laici*, "il-gruppi, l-għaqdiet u l-movimenti wkoll għandhom l-importanza tagħhom għall-edukazzjoni tal-lajċi nsara".[61] L-għaqdiet ta' ispirazzjoni nisranija kollha għandhom il-kariżma proprja tagħhom li tinfluwenza l-formazzjoni li tingħata lill-poplu. Dan l-element ta' distinzjoni fl-unità ekkleżjali jitfa' fuq il-lajċi membri ta' l-għaqdiet u movimenti responsabbiltà kbira. Għalhekk irid isir sforz biex l-għaqdiet u l-movimenti **japprofondixxu b'mod aġġornat** il-formazzjoni tal-

[61] *Ibid.,* 62.

membri fil-kariżma partikulari tagħhom.[62] Approfondiment bħal dan għandu jwassal biex il-membri jagħtu sehemhom aktar bis-sens, ġenerożità u persważjoni; għandu jgħin ukoll fiż-żieda tal-membri. Kultant in-nies jiċħdu mhux il-kariżma, imma l-mod kif tkun ippreżentata.

## Il-*full timers* mal-Knisja

63

Importanti li din il-**formazzjoni fil-kariżma speċifika** tkun estiża għal dawk li huma impenjati *full-time* mal-Knisja bħal, ngħidu aħna, missjunarji lajċi; għalliema; ġurnalisti; *counsellors*; ħaddiema fid-djar ta' l-anzjani u djar oħra tal-Knisja (e.g. San Blas, Dar tal-Providenza); sagristani, u oħrajn. Hemm bżonn li din il-formazzjoni tilħaq livell professjonali għoli biex dawn in-nies jifhmu r-responsabbiltà li qed iġorru u biex l-appostolat tagħhom ikun kemm jista' jkun effettiv u ta' eżempju għal dawk li qed jaħdmu fl-istess qasam.

## *Leadership skills*

64

Bħala għajnuna għall-assoċjazzjonijiet fi ħdan il-Knisja, hu utli li l-membri jkollhom **korsijiet f'*leadership skills***, kif ukoll f'materji oħra bħal *public speaking*, *Power-point presentation* u *management*, minn esperti f'dawn l-oqsma. Il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti jista' jidħol għal biċċa xogħol bħal din. Dawn il-korsijiet jiswew biex l-assoċjazzjonijiet isiru aktar dinamiċi u aktar adatti għaż-żmien ta' llum, biex jitrawmu mexxejja li huma tant meħtieġa għall-assoċjazzjonijiet, u biex ikunu aktar effettivi fl-evanġelizzazzjoni.

62 Ara *Apostolicam Actuositatem*, 4.

## Għajnuna lil assoċjazzjonijiet f'diffikultà

65

Xi assoċjazzjonijiet jistgħu jsibu ruħhom f'diffikultajiet eżistenzjali. Jista' jkun ukoll li din il-kriżi tkun aktar milli jistgħu jifilħu l-istess assoċjazzjonijiet. Għalhekk jistgħu jiġu bżonn ta' l-għajnuna. Din l-għajnuna għandhom isibuha fl-istrutturi ċentrali tal-Knisja, e.g. is-Segretarjat għal-Lajċi u l-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti. Dawn għandhom jaraw li jkollhom nies imħarrġa għal din il-ħidma delikata. L-assoċjazzjonijiet fl-appostolat għandhom jirrikonoxxu sitwazzjoni ta' diffikultà u, bix-xewqa li jikbru[63] jaċċettaw bil-ferħ **l-għajnuna ta' nies esperti** li jistgħu jgħinu.

## Għaqdiet soċjali u filantropiċi

66

Il-Knisja għandha turi attenzjoni wkoll għal għaqdiet oħra ta' natura soċjali u filantropika li, filwaqt li ma jistgħux jitqiesu bħala "reliġjużi" jew "tal-Knisja", għandhom għan u ħidma ta' ispirazzjoni evanġelika. Qed jinħass dejjem aktar il-bżonn li l-Knisja **ssaħħaħ il-bixra nisranija tagħhom** u l-preżenza tagħha f'dawn l-għaqdiet, li minnhom hawn ħafna u li huma ta' fejda kbira għall-poplu Malti. Dan is-sehem tal-Knisja jista' jingħata: billi toffri l-appoġġ u l-barka tagħha għall-attivitajiet tagħhom; billi, meta hu possibbli u prudenti, toffrilhom post fejn jiltaqgħu; u billi tersaq aktar lejhom b'kull mezz.

## Tiġdid tas-Segretarjat għal-Lajċi u l-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti

67

Għandha ssir evalwazzjoni li twassal għal **aġġornament u tiġdid** tas-Segretarjat għal-Lajċi u tal-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti. Hemm

[63] Ara *Christifideles Laici*, 57.

bżonn ikunu aktar inċisivi u jinħassu aktar fl-utilità tagħhom. Għandhom jaħdmu iżjed mad-diriġenti ta' l-assoċjazzjonijiet biex dawn jifhmu l-ħtieġa tas-sens ta' Knisja. L-għaqdiet, movimenti u gruppi lajkali kollha, ħlief għal raġunijiet serji, għandhom jagħmlu parti mill-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti. Dan jiswa biex tinħoloq attitudni ta' kollaborazzjoni u korresponsabbiltà fid-djoċesi.

Jinħass ukoll il-bżonn li, filwaqt li tkun imħarsa l-kariżma ta' kull assoċjazzjoni, is-Segretarjat għal-Lajċi u l-Forum iservu biex jinħolqu aktar kuntatti fost l-istess assoċjazzjonijiet fuq kull livell, biex il-membri kollha jħossuhom jagħmlu sehem minn Knisja-familja. Għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-lajċi kollha jagħtu sehemhom anke fuq livell djoċesan.

Barra minn dan, is-Segretarjat għal-Lajċi u l-Forum għandhom isegwu l-ħidma tal-gruppi independenti li għandna fil-parroċċi u fid-djoċesi li globalment jiġbru fihom mijiet ta' lajċi impenjati, l-aktar fejn jidħlu l-kriterji ta' l-ekkleżjalità u b'mod speċjali fejn tidħol it-trasmissjoni tat-tagħlim awtentiku tal-Knisja. Għandu jsir studju dwar dawn il-gruppi indipendenti fil-parroċċi u fid-djoċesi, b'konsultazzjoni u analiżi xierqa. Ir-riżultat ta' dan l-istudju għandu jwassal biex titfassal *policy* adattata.

Bżonn urġenti ieħor hu dak li ssir riċerka fuq l-għaqdiet u l-movimenti fi ħdan il-Forum biex jinkiseb tagħrif fattwali li jgħin għal ħidma fid-direzzjoni t-tajba. B'żieda mar-rwoli tas-Segretarjat għal-Lajċi u tal-Forum, kif definiti fid-digrieti rispettivi tagħhom, għandu jkollhom ukoll ir-rwol li jgħinu lil-lajċi biex jimxu skond l-orjentament tas-Sinodu Djoċesan.

## Tiġdid
## fuq bażi parrokkjali

68

Bħala ċ-ċentru ewlieni ta' l-animazzjoni tal-ħidma lajkali, il-parroċċa trid qabel xejn turi li, fil-Poplu ta' Alla, kulħadd għandu sehem x'jagħti. Għalhekk

**ħadd m'għandu jħoss ruħu eskluż**. Kulħadd għandu jingħata l-opportunità li jipparteċipa b'mod attiv f'dak li torganizza l-parroċċa. Aktar ma jkun hemm min jagħti sehem, aktar il-parroċċa tkun qed tilħaq l-għan tagħha. Xieraq ukoll li fil-parroċċa jkun hemm lista tal-"parruċċani b'missjoni", li fiha jitniżżlu dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu sehemhom fil-ħidma tal-parroċċa, inklużi l-morda li jixtiequ joffru s-sagrifiċċji tagħhom għall-ġid tal-komunità.

Waqt li jitqies dak li diġà qed isir f'dan il-qasam biex wieħed jibni fuqu, ikun jiswa li l-lajċi li jservu fil-ministeri fil-parroċċa jkunu msaħħin b'korsijiet apposta. Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali għandu jaħdem biex jitwettaq dan il-għan permezz ta' l-Istitut Djoċesan għall-Formazzjoni Pastorali.

## Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

69

Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali għandu jkun tabilħaqq rappreżentattiv tal-komunità parrokkjali.[64] Il-kwalità tal-membri ta' dan il-kunsill hi l-qofol tas-suċċess tiegħu. Il-ħidma tal-kunsill, jiġifieri dak li jkun "korresponsabbli għall-istudju, għall-programmazzjoni, għall-eżekuzzjoni u għall-evalwazzjoni tal-ħidma pastorali tal-komunità",[65] titlob membri li:

(i) jirriflettu l-kultura ewlenija u l-kulturi varji tal-parroċċa;
(ii) għandhom il-kwalitajiet meħtieġa biex iwettqu dan ix-xogħol;
(iii) għandhom il-ħin, ix-xewqa u l-ħeġġa li jagħmluh.

Hu dmir ta' kull kappillan, tar-reliġjużi, ta' kull għaqda u tal-kunsill innifsu li jassiguraw li l-kunsill ikun iffurmat minn nies kompetenti u ta' rieda

[64] Ara d-dokument tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* 20.

[65] Statut tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP), par. 3.

soda li jwettqu dan ix-xogħol importanti. Sabiex dawn il-kunsilli jassiguraw l-effettività tagħhom, it-**tiġdid regolari** tal-kompożizzjoni tal-kunsill u tal-kummissjonijiet għandu jkun ta' prijorità.

## Kunsill li jirrifletti l-kultura tal-parroċċa

70

Il-ħidmiet tal-kunsill għandhom jirriflettu l-kultura predominanti fil-parroċċa. Il-bażi tal-ħidma ta' kunsill minn ieħor tista' tvarja bil-kbir skond il-kultura lokali. L-attivitajiet meħtieġa f'żona ġdida, x'aktarx magħmula minn familji ġodda, huma differenti minn dawk fil-qalba antika tal-parroċċa, b'konċentrazzjoni ta' popolazzjoni aktarx anzjana. Il-kultura u l-ħtiġijiet ta' poplu f'żona turistika, li jista' jkollha wkoll numru konsiderevoli ta' residenti barranin, huma differenti minn dawk ta' poplu li jgħix f'żona qadima. L-Istatut tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali **jassigura r-relevanza tal-kunsill** billi jippermetti fi ħdanu kemm lajċi minn żoni differenti kif ukoll numru ta' persuni magħżulin minħabba l-kompetenza tagħhom f'xi qasam tal-ħajja pastorali, jew ġejjin minn kategoriji speċifiċi tal-komunità parrokkjali.[66]

## Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali għandu jsaħħaħ l-assoċjazzjonijiet

71

L-għaqdiet u l-movimenti tal-parroċċa huma għajn ta' enerġija mill-aktar importanti għall-kunsill. Għaldaqstant il-kunsill għandu jfittex li **jsaħħaħ dawn l-assoċjazzjonijiet.** Dan jista' jsir billi jagħraf u jsostni l-ħidma tagħhom, billi ma jkunux organizzati attivitajiet paralleli, imma minflok il-kunsill jassenjalhom rwol fit-tmexxija tal-kummissjonijiet skond il-kariżma tagħhom waqt li jittieħdu miżuri oħra biex is-servizzi ta' l-assoċjazzjonijiet jiġu inkorporati fil-pjan parrokkjali. Dan jgħin lill-membri tal-għaqdiet,

66 Ara *ibid.*, par. 8.

movimenti u gruppi oħra biex iħossuhom parti mis-servizz li tagħti l-parroċċa, u biex jimxu flimkien.

## Promozzjoni ta' l-Istituti Sekulari

72

Sehem importanti fit-tiġdid spiritwali tal-poplu tagħna jistgħu jagħtuh l-Istituti Sekulari li għandhom l-għan tagħhom li jġeddu d-dinja minn ġewwa. Dawk il-membri ta' l-Istituti Sekulari eżistenti li qegħdin jgħixu l-konsagrazzjoni tagħhom fid-dinja għandu jkollhom l-għajnuna meħtieġa għall-**formazzjoni spiritwali u professjonali tagħhom**. Il-promozzjoni u l-għajnuna lill-Istituti Sekulari għandha tkun wieħed mid-dmirijiet tas-Segretarjat għall-Kleru u membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata.

## Ħidma evanġelika speċifika fil-kultura Maltija

73

L-aqwa forma ta' evanġelizzazzjoni tkun dik li ssir mil-lajċi preżenti fid-diversi setturi tal-ħajja, għax huma fil-qalba tas-sitwazzjoni. Biex tintlaħaq din il-prijorità, tkun miżura tajba li **jkunu identifikati l-assoċjazzjonijiet u individwi** li, skond il-kariżma proprja tagħhom, jistgħu jagħtu l-aħjar servizz f'dak il-post jew ambjent jew kategorija partikulari bħal, ngħidu aħna, f'postijiet tax-xogħol (e.g. it-tarzna, fabbriki eċċ.) u mal-ħaddiema; fl-Università u ma' l-istudenti; fi stazzjonijiet tar-radju u televiżjoni, u l-ġurnali; fil-politika u fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika; fid-divertiment, fl-isport u maż-żgħażagħ; fil-familja u ma' l-anzjani; fil-fenomenu tal-festi u l-każini tal-banda; mal-professjonisti, mal-fqar il-"ġodda" u fejn jidħol il-ħin liberu.

Ikun jaqbel li s-Segretarjat għal-Lajċi u l-Forum tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi, b'konsultazzjoni mat-Taqsima Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ u entijiet oħra fi ħdan il-Knisja, jaħdmu id f'id ma' gruppi, għaqdiet u individwi li jistgħu jkunu diġà

attivi jew preżenti fil-post jew ma' kategorija partikulari. Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi għandha wkoll is-sehem tagħha x'tagħti f'dan il-kamp. Diġà qed isir ħafna, imma wieħed għandu jifhem li kollox irid isir b'aktar nies imħarrġa tajjeb, b'aktar formazzjoni, programmazzjoni u kollaborazzjoni biex jintlaħqu t-trufijiet kollha.

## Kuntatti personali u kura personalizzata

74

Attenzjoni speċjali trid tingħata lil dawk il-Maltin li tbiegħdu mill-Knisja, issieħbu fis-setet jew f'xi denominazzjoni jew reliġjonijiet oħrajn, dawk li huma emarġinati jew *drop outs*. Żjajjar fil-familji u kuntatti minn nies adattati u mħarrġa tajjeb ikunu utli ħafna, għax aktar ma l-pastorali tkun personalizzata aktar tkun effettiva. Dan jista' jseħħ biss bil-koperazzjoni sħiħa tal-komunitajiet parrokkjali għax huma jafu n-nies. It-tkattir ta' diversi setet u gruppi reliġjużi ġodda barra l-Knisja ma jistax jiġi injorat. Irridu naħdmu fuq ir-raġunijiet li minħabba fihom numru ta' Maltin telqu l-Knisja. Ikun tajjeb li l-*policy* pastorali tiġi riveduta biex kull parroċċa, kull għaqda u istituzzjoni tal-Knisja toffri **kura reliġjuża aktar personalizzata** fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni.

## Sehem il-professjonisti

75

Is-sitwazzjoni tixħet responsabbiltà kbira fuq il-lajċi professjonisti. Il-Knisja għandha tagħmel il-parti kollha tagħha biex il-korsijiet professjonali fl-Università u f'entijiet ta' edukazzjoni vokazzjonali **jenfasizzaw aktar l-aspett etiku**. Il-professjonisti għandhom ikunu sensibilizzati dejjem aktar dwar is-sehem partikulari tagħhom fil-Poplu ta' Alla. Is-Segretarjat għal-Lajċi għandu, fuq livell djoċesan, anke bl-għajnuna taċ-*Chaplaincy* ta' l-Università u b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra fil-Knisja, jara kif jista' jifforma komunitajiet ta' bażi għall-professjonisti ta' kategoriji differenti. Il-professjonisti m'għandhomx jarawha bi kbira li jissieħbu f'assoċjazzjonijiet ekkleżjali eżistenti.

## L-anzjani fil-komunità

76

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed tingħata importanza lill-anzjani u aktar qed jissejħu għal dmirijiet ġodda, l-aktar minħabba ċerti problemi fil-familji. Għalhekk ikun tajjeb li ssir stedina lil dawk l-individwi li jkunu waslu għall-età ta' l-irtirar mix-xogħol biex jippreparaw ruħhom għal sitwazzjonijiet ġodda permezz ta' formazzjoni spiritwali u soċjali, u permezz ta' ħidma adattata għalihom. Fiċ-ċentri apposta għalihom, fejn qed issir ħidma tant utli, jista' jiġri li kultant ikun hemm min iħares lejn l-anzjani aktar bħala oġġett tal-ħidma tiegħu milli bħala suġġett. Għandna nħarsu lejn l-anzjani bħala **persuni b'ħiliet u esperjenzi** li jistgħu jkunu ta' valur għall-komunità.

Għalhekk il-*policy* rigward iċ-ċentri u d-djar ta' l-anzjani għandha tinżamm aġġornata b'attenzjoni fuq il-valur tal-persuna. Sadanittant il-Knisja għandha tfittex minn fejn issib ir-riżorsi meħtieġa, kemm mill-Istat kif ukoll mill-benefatturi, biex tkompli tipprovdi servizzi ta' residenza għall-anzjani permezz tad-djar tagħha, kif ukoll toħloq kuxjenza dwar id-drittijiet tagħhom u taħdem biex l-Istat itejjeb dejjem iktar il-politika favur l-anzjani.

## Aktar parteċipazzjoni tan-nisa

77

Biex inkunu ġusti ma' l-istorja, tajjeb jingħad li dawn l-aħħar snin il-mara ġiet involuta ħafna fil-ħidmiet tal-Knisja f'Malta. Biżżejjed wieħed jara l-liturġija, id-djakonija u l-katekeżi. B'danakollu, b'sens ta' ġustizzja, u bħalma qed tagħmel is-soċjetà ċivili, il-Knisja trid **teżamina kontinwament lilha nfisha** hijiex qiegħda tittratta lin-nisa b'mod rett, jekk in-nisa humiex jingħataw biżżejjed importanza fil-parroċċi u fid-djoċesi, jekk humiex ikollhom sehem fit-tmexxija, u jekk il-fehma tagħhom hijiex qed tkun dejjem rispettata kif jixraq. Tajjeb li fil-formazzjoni ta' l-operaturi pastorali tingħata attenzjoni xierqa lill-ugwaljanza bejn is-sessi.

## Il-qasam sportiv

78

Il-qasam sportiv qiegħed dejjem jikber f'pajjiżna, kemm mil-lat ta' kwantità kif ukoll mil-lat ta' kwalità. Qed jikber ir-rispett lejn l-isport. Eluf ta' ġenituri qed jibagħtu lil uliedhom għal xi dixxiplina sportiva u jsegwuhom b'interess. Ħafna qed iħarsu lejn l-isport bħala mezz li bih iż-żgħażagħ jinħelsu minn ċerti perikli bħad-droga u l-alkoħol. Billi dan hu qasam li jinvolvi kważi esklussivament il-lajċi, ikun tajjeb li tingħata l-importanza xierqa l-aktar mis-Segretarjat għal-Lajċi, li għandu jagħraf din ir-realtà u jindirizza **ħidma ta' formazzjoni** għall-parteċipanti u għal dawk li jmexxu f'dan il-qasam.

## Għal aktar sensibbiltà tal-Poplu ta' Alla

79

Il-qagħda preżenti turina li l-Poplu ta' Alla f'pajjiżna għandu **bżonn ta' aktar sensibbiltà** dwar il-lajkat. Hemm eluf li huma pjuttost passivi fil-Knisja u ma jafux bir-responsabbiltà tagħhom bħala lajċi. Biex jgħin għal din is-sensibbilità, tkun ħaġa tajba jekk kull sena, fi żmien adattat, jibda jiġi ċċelebrat "Jum" li jagħti għarfien lil sehem il-lajċi kollha fi ħdan il-Knisja, b'isem li jiġi deċiż meta jkun il-waqt, li jibda jinkludi fih dak li s'issa kien "Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti". Din l-inizjattiva għandha turi li l-lajċi kollha, kemm jekk huma membri ta' l-assoċjazzjonijiet ekkleżjali kif ukoll jekk m'humiex, huma membri tal-Poplu ta' Alla u msejħa biex jaħdmu fil-Knisja.

F'dan il-"Jum", fost inizjattivi oħra għall-poplu kollu, jista' jsir **għarfien pubbliku tad-diversi ministeri lajkali fil-Knisja** bħal, ngħidu aħna, katekisti, animaturi tal-liturġija, letturi, dawk li jgħinu fit-tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ, membri tal-kor, dawk fid-djakonija, nies li jgħinu fit-tiżjin u tindif tal-knisja, eċċ, bl-għoti ta' mandat għal żmien determinat.

## *Monitoring*

**80**

Dawn il-miżuri u oħrajn li jistgħu jittieħdu jitolbu investimenti kbar ta' nies, flus u xogħol. Il-Knisja qiegħda żżid in-numru ta' professjonisti impenjati fl-iskejjel, fid-djar ta' karità, fil-*media*, u ħidmiet oħra. Dawn in-nies qegħdin f'pożizzjoni li jikkoordinaw u jagħtu sens ta' direzzjoni lix-xogħol li jagħmlu ħafna voluntiera, u hekk ix-xogħol tal-lajċi fil-Knisja jilħaq l-għan tiegħu aħjar. Dan it-tibdil jippermetti lill-Knisja tikkonċentra aħjar u tagħti prijorità lil problemi jew *issues* li jitfaċċaw minn żmien għal ieħor.

Hekk kif il-Knisja tafda aktar xogħol f'idejn lajċi professjonisti, ir-rwol tagħha jinbidel minn dak ta' provvediment dirett ta' servizz għal dak ta' sostenitur u ta' regolatur ta' servizz li jrid isir f'isimha (fi skejjel, djar ta' l-anzjani, eċċ). Għaldaqstant jeħtieġ li tiżviluppa sistemi ta' tmexxija fejn tesiġi aktar *accountability*, trasparenza, eċċ., u toħloq *benchmarks* ta' livelli li jridu jintlaħqu.



# KAP V

## KONKLUŻJONI

## Futur mimli impenn għal-lajċi

81

L-Ispirtu Qaddis hu mal-Knisja, u dejjem jaħdem fiha biex tinfetaħ għal esiġenzi ġodda, u għall-possibbiltà li tinbidel anke f'ċerti aspetti ta' l-istruttura, bla ma tirrinunzja għan-natura proprja tagħha. Dan għad jista' jfisser aktar involviment tal-lajċi f'oqsma li sa llum għadhom magħluqa għalihom. Billi qiegħda tinħass ħafna l-urġenza li l-Knisja tinkarna dejjem aktar fid-dinja, fis-soċjetà u fil-kultura tal-bniedem kontemporanju, u billi l-lajk hu dejjem preżenti f'dawn il-kuntesti, hu qrib iż-żmien li l-lajkat nisrani Malti jingħata sehem akbar fil-Knisja, mhux bi privileġġ imma b'responsabbiltà.

## Mimlijin tama, kuraġġ u konvinzjoni

82

M'għandniex nersqu b'moħħ inkwetat u b'qalb tqila għall-ħidma fl-għalqa tal-Mulej. Ma ninsewx li l-mexxej tagħna assigurana: "Jiena rbaħt id-dinja" (Ġw 16,33), u lilna qed jgħidilna dak li qal lill-appostli meta dehrilhom fuq l-ilma: "Qawwu qalbkom: jien hu; tibżgħux!" (Mt 14,27). Dan għandu jimliena b'ferħ, kuraġġ u ottimiżmu. Hekk irridu nkunu u nidhru quddiem l-oħrajn: nies mimlija tama u hena frott ta' serħan il-moħħ li ġej mill-Kelma tal-Mulej Ġesù. Ma tkunx evanġelizzazzjoni li tħalli l-frott dik tagħna jekk ma tkunx mimlija tama fil-Mulej.

Jalla dan is-Sinodu Djoċesan iwassal biex il-lajċi kollha jħarsu lejn it-tielet millennju b'kuraġġ u b'konvinzjoni dwar il-messaġġ li tiegħu huma ħabbara, u hekk jaslu jaħdmu bla heda biex is-soċjetà Maltija tibqa' tgħożż il-valuri ta' l-Evanġelju.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 09 - 2*